**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2021/0218(COD)**

24.5.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652
(COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD))

Rapporteur għall-opinjoni(*): Nils Torvalds

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura



Magħquda fid-diversità

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**Introduzzjoni**

Il-Patt Ekoloġiku jinsab fil-qalba tal-istrateġija tal-Ewropa għal tkabbir u impjiegi sostenibbli ġodda, u huwa katalist għal tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna bħala objettivi ewlenin. Il-pakkett "Lesti għall-mira tal-2030" jistabbilixxi l-qafas għal din it-trasformazzjoni permezz ta' sett koerenti ta' proposti li jibni fuq il-liġijiet eżistenti dwar il-klima u l-enerġija iżda jeħodhom għal livell ġdid filwaqt li jiżgura sinerġiji ma' politiki oħra tal-UE. Id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli hija komponent ewlieni ta' dan il-pakkett, u billi jenħtieġ li din tirnexxi, ma hemmx l-opportunità għal ċans ieħor. Flimkien ma' proposti interkonnessi oħra mill-pakkett, din tindirizza waħda mill-akbar sfidi li qed niffaċċaw: id-domanda għall-enerġija li dejjem qed tiżdied, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-enerġija tiġi minn sorsi rinnovabbli sabiex jintlaħqu l-miri kif stipulati mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u jiġu protetti l-ambjent tagħna u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tinkorpora fil-liġi l-għan stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew biex l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa jsiru newtrali għall-klima sal-2050. Il-liġi tistabbilixxi wkoll il-mira intermedja li l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. In-newtralità klimatika sal-2050 tfisser il-kisba ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra għall-UE billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, isiru investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi u jiġi protett l-ambjent naturali tagħna. Dan jinvolvi tranżizzjoni ta' dimensjonijiet storiċi, li l-Ewropa se tgħaddi minnha fl-għexieren ta' snin li ġejjin.

**Qafas ta' investiment regolatorju stabbli u prevedibbli**

Il-Patt ta' Glasgow jappella biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp, it-tnedija u t-tixrid tat-teknoloġiji, kif ukoll l-adozzjoni ta' politiki, biex issir tranżizzjoni lejn sistemi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi, inkluż billi tiżdied b'mod rapidu t-tnedija ta' ġenerazzjoni tal-enerġija nadifa u ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż billi jiġu aċċellerati l-isforzi lejn it-tnaqqis gradwali tal-enerġija tal-faħam bla waqfien u bl-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji ineffiċjenti għall-karburanti fossili, filwaqt li jiġi pprovdut appoġġ immirat lil dawk l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' appoġġ lejn tranżizzjoni ġusta.

Sabiex niddekarbonizzaw il-produzzjoni u l-użu Ewropej tal-enerġija, li flimkien huma responsabbli għal aktar minn 75 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE, hemm bżonn naċċelleraw it-tranżizzjoni lil hinn mill-karburanti fossili lejn soluzzjonijiet b'newtralità karbonika, li attwalment jiġġeneraw kemxejn taħt terz tal-elettriku tal-UE. L-Ewropa għandha potenzjal enormi biex tiżviluppa t-tipi kollha ta' sorsi tal-enerġija sostenibbli u rinnovabbli, u l-għan tagħna għandu jkun sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli u integrata madwar il-kontinent kollu. Dan se jeħtieġ miri ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri kollha. L-idroġenu rinnovabbli huwa teknoloġija promettenti, iżda mhijiex garantita d-disponibbiltà tiegħu bi prezz aċċettabbli qabel l-2035, minkejja l-aħjar intenzjonijiet tal-Kummissjoni. L-Unjoni għandha tippermetti l-kundizzjonijiet it-tajba għal investimenti ġodda, sabiex isiru l-għażliet it-tajba mhux biss f'dan iċ-ċiklu ta' investiment, iżda wkoll f'dak li jmiss. Dan kieku jiżgura ukoll tranżizzjoni bbilanċjata. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tipprovdi ambjent regolatorju stabbli u prevedibbli, li mhux biss jiżgura li tintlaħaq il-mira ta' 55 % fl-2030, iżda ukoll in-newtralità klimatika sal-2050. Jeħtieġ ukoll li

nkunu aktar trasparenti maċ-ċittadini tagħna dwar l-oriġini tal-elettriku.

**Proporzjonalità u sussidjarjetà**
Il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà huma stabbiliti fl-Artikolu 5 TFUE. Il-prinċipju tal-proporzjonalità jfisser li, biex tilħaq l-għanijiet tagħha, l-UE tieħu biss l-azzjoni meħtieġa u xejn aktar. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jissalvagwardja l-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu deċiżjonijiet u azzjoni, u jawtorizza intervent mill-Unjoni meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan jiżgura li s-setgħat jiġu eżerċitati kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin. Għalhekk, fir-rigward ta' din il-leġiżlazzjoni, ir-Rapporteur jappoġġa l-użu ta' Direttiva. Il-Kummissjoni b'mod ġust tirrimarka li huwa meħtieġ approċċ tal-UE biex jingħataw l-inċentivi t-tajba lill-Istati Membri b'livelli differenti ta' ambizzjoni biex, b'mod koordinat, tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tal-enerġija lil hinn mis-sistema tal-enerġija tradizzjonali bbażata fuq il-karburanti fossili lejn sistema tal-enerġija aktar integrata u aktar effiċjenti fl-enerġija, ibbażata fuq sorsi rinnovabbli. Billi l-iżvilupp aċċellerat kosteffiċjenti tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli f'sistema tal-enerġija aktar integrata ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Madankollu, l-użu ta' atti delegati fid-Direttiva ma huwiex konformi mal-għan ġenerali tal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, skont ir-Rapporteur. Billi l-Unjoni hija ġġustifikata fl-eżerċitar tas-setgħat tagħha biss meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi ta' azzjoni proposta b'mod sodisfaċenti, u jkun jista' jiġi pprovdut valur miżjud jekk l-azzjoni titwettaq fil-livell tal-Unjoni.

**Kriterji ta' sostenibbiltà**
Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, iżda jħoss li din ir-reviżjoni għandha tiggarantixxi wkoll koerenza u konsistenza fil-politika. Għalhekk, jipproponi li jiġi limitat l-appoġġ għall-użu tal-bijomassa primarja tal-foresti, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' appoġġ kontinwu għall-użu tal-bijomassa sekondarja tal-foresti sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE għall-2030. Sabiex isir dan, huwa jintroduċi wkoll id-definizzjonijiet meħtieġa. Dawn il-miżuri se jissalvagwardjaw aħjar ukoll l-ambizzjoni stabbilita fl-Istrateġija għall-Bijodiversità, filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-differenzi u l-punti tat-tluq differenti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tal-bijodiversità.

**Bjar tal-karbonju**
Huwa essenzjali li nipproteġu u nżidu l-bjar tal-karbonju siewja li għandna fl-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi ta' żieda fil-bjar fil-Liġi dwar il-Klima u fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-LULUCF, huwa essenzjali li l-Istati Membri jtejbu l-monitoraġġ u r-rappurtar tagħhom dwar il-bjar tal-karbonju u l-użu tal-bijomassa. Għalhekk, dan l-abbozz ta' opinjoni jipproponi li jiġu introdotti Pjanijiet Nazzjonali għall-Bijoenerġija, li se jippermettu li l-Istati Membri jkollhom punti tat-tluq differenti u li jittieħdu inkunsiderazzjoni sitwazzjonijiet speċifiċi, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li jiżdiedu l-bjar tal-karbonju waqt li tintuża l-bijomassa. Barra minn hekk, l-abbozz ta' opinjoni jintroduċi l-obbligu għall-Kummissjoni Ewropea li tadotta proposta leġiżlattiva ddedikata li tistabbilixxi valuri massimi għall-użu tal-bijomassa tal-foresti għal skopijiet ta' enerġija fil-livell tal-Istati Membri.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[5] jistabbilixxi l-objettiv li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima ***fl-2050*** b'mod li jikkontribwixxi ***għall-ekonomija Ewropea, għat-tkabbir*** u għall-ħolqien tal-impjiegi. Dak l-objettiv, u l-objettiv ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 kif stabbilit ***fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[6] li ġie approvat kemm mill-Parlament Ewropew[7] kif ukoll mill-Kunsill Ewropew[8]***, jirrikjedi tranżizzjoni enerġetika ***u*** ishma ferm ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistema tal-enerġija integrata. | (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[5] jistabbilixxi l-objettiv li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima ***mhux aktar tard mill-2050*** b'mod li jikkontribwixxi ***għall-iżvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali Ewropew sostenibbli, għall-prosperità*** u għall-ħolqien tal-impjiegi. Dak l-objettiv, u l-objettiv ta' tnaqqis ta' ***mill-inqas*** 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 kif stabbilit ***fil-liġi Ewropea dwar il-Klima***, jirrikjedi tranżizzjoni enerġetika ***bbażata fuq it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u r-riżorsi u fuq effiċjenza akbar, kif ukoll*** ishma ferm ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistema tal-enerġija integrata. |
| [5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 640 final tal-11.12.2019, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. | [5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 640 final tal-11.12.2019, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. |
| ***[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna*** | |
| ***[7] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP))*** | |
| ***[8] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2020, , https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf*** | |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (it-tmien EAP) jistabbilixxi objettivi tematiċi prijoritarji għall-2030 fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, ekonomija ċirkolari mhux tossika, ambjent ta' tniġġis żero u l-minimizzazzjoni tal-pressjonijiet ambjentali mill-produzzjoni u l-konsum fis-setturi kollha tal-ekonomija, u jirrikonoxxi li dawn l-objettivi, li jindirizzaw kemm il-fatturi ewlenin kif ukoll l-impatti tal-ħsara ambjentali, huma interkonnessi b'mod inerenti. It-tmien EAP għandu wkoll objettiv prijoritarju fit-tul li sa mhux aktar tard mill-2050, in-nies jgħixu tajjeb fi ħdan il-konfini planetarji f'ekonomija ta' benesseri fejn ma jinħela xejn, it-tkabbir ikun riġenerattiv, tkun inkisbet in-newtralità klimatika fl-Unjoni u l-inugwaljanzi jkunu tnaqqsu b'mod sinifikanti. Ambjent b'saħħtu jirfed il-benesseri tan-nies kollha u huwa ambjent li fih il-bijodiversità hija kkonservata, l-ekosistemi jirnexxu u n-natura hija protetta u restawrata, li jwassal għal reżiljenza akbar għat-tibdil fil-klima, għad-diżastri relatati mat-temp u mal-klima, kif ukoll riskji ambjentali oħra.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(1b) Il-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 ("it-tmien EAP"), il-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u l-klima, għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fir-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti u kompetittiva b'mod ġust, ekwu u inklużiv, kif ukoll li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb l-istat tal-ambjent billi, fost oħrajn, iwaqqaf u jreġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità. Huwa jappoġġa u jsaħħaħ approċċ integrat ta' politika u ta' implimentazzjoni li jibni fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew. It-tmien EAP jirrikonoxxi li l-kisba ta' din it-tranżizzjoni se teħtieġ bidla sistemika li, skont l-EEA, tinvolvi bidla fundamentali, trasformattiva u trażversali li timplika bidliet kbar u orjentazzjoni mill-ġdid fl-għanijiet tas-sistema, fl-inċentivi, fit-teknoloġiji, fil-prattiki soċjali u fin-normi, kif ukoll fis-sistemi ta' għarfien u fl-approċċi ta' governanza.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) L-iżgurar li l-inizjattivi leġiżlattivi, il-programmi, l-investimenti, il-proġetti u l-implimentazzjoni tagħhom ikunu konsistenti mal-objettivi tat-tmien EAP, li jikkontribwixxu għalihom fejn rilevanti u li ma jagħmlux ħsara lill-ebda wieħed minnhom, huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi. Barra minn hekk, l-iżgurar li jiġu mminimizzati l-inugwaljanzi soċjali li jirriżultaw mill-impatti u l-politiki relatati mal-klima u l-ambjent u li l-miżuri li jittieħdu biex jiġu protetti l-ambjent u l-klima jitwettqu b'mod soċjalment ġust u inklużiv, kif ukoll l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki klimatiċi u ambjentali, inkluż billi tiġi inkorporata*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***perspettiva tal-ġeneru fl-istadji kollha tal-proċess ta' tfassil tal-politika, se jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-tmien EAP u, għalhekk, huma stabbiliti wkoll bħala kundizzjonijiet abilitanti fit-tmien EAP.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(1d) L-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-2030 tat-tmien EAP huwa tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u, fl-istess ħin, it-titjib tal-assorbimenti mill-bjar naturali fl-Unjoni biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Biex jgħin fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu, it-tmien EAP jistabbilixxi wkoll il-kundizzjoni abilitanti tal-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inkluż billi tiġi stabbilita skadenza għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-karburanti fossili li tkun konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5°C, kif ukoll qafas vinkolanti tal-Unjoni biex jiġi mmonitorjat u rrapportat il-progress tal-Istati Membri lejn l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-karburanti fossili, abbażi ta' metodoloġija miftiehma.*** |

**Emenda 6**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol fundamentali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050, peress li s-settur tal-enerġija jikkontribwixxi aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Billi tnaqqas dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ambjent bħat-telf tal-bijodiversità. | (2) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol fundamentali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050, peress li s-settur tal-enerġija jikkontribwixxi aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Billi tnaqqas dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ambjent ***li huma mħarrxa mit-tibdil fil-klima,*** bħat-telf tal-bijodiversità ***u t-tniġġis tal-art, l-ilma u l-arja, u b'hekk tikkontribwixxi biex jittejbu l-kwalità tal-arja u s-saħħa tal-bniedem. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' sostenibbiltà effettivi sabiex jiġi evitat li l-użu tal enerġija rinnovabbli jħarrax dawn l-isfidi minflok inaqqashom.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni biex sal-2030 jintlaħaq sehem ta' mill-anqas 32 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni. Skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija jkun jeħtieġ li jiżdied għal ***40 %*** sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra[10]. Għalhekk, il-mira stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva trid tiżdied. | (3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni biex sal-2030 jintlaħaq sehem ta' mill-anqas 32 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni. Skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija jkun jeħtieġ li jiżdied għal ***mill-inqas 45 %*** sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, il-mira stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva trid tiżdied. |
| [9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- | [9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- |

11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209

[10] Il-Punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna

11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209

[10] Il-Punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-ħtieġa għall-allinjament tal-politiki dwar il-bijoenerġija mal-prinċipju kaskata tal-użu tal-bijomassa[11], bil-għan li jiġi żgurat aċċess ġust għas-suq tal-materja prima tal-bijomassa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u b'valur miżjud għoli bbażati fuq il-bijoenerġija u bijoekonomija ċirkolari sostenibbli. Meta jiżviluppaw skemi ta' appoġġ għall-bijoenerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk iqisu l-provvista sostenibbli disponibbli tal-bijomassa għall-użi enerġetiċi u mhux enerġetiċi u l-manutenzjoni tal-bjar tal-karbonju u tal-ekosistemi nazzjonali fil-foresti kif ukoll il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata tal-bijomassa, u ***l-ġerarkija*** tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ma jagħtu l-ebda appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija minn ***zkuk għas-serrar, zkuk għall-fuljetti, ġdur u għeruq u jevitaw il-promozzjoni tal-użu ta' injam tond ta' kwalità għall-enerġija ħlief f'ċirkostanzi definiti sew***. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l- | (4) Hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-ħtieġa għall-allinjament tal-politiki dwar il-bijoenerġija mal-prinċipju kaskata tal-użu tal-bijomassa, bil-għan li jiġi żgurat aċċess ġust għas-suq tal-materja prima tal-bijomassa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u b'valur miżjud għoli bbażati fuq il-bijoenerġija u bijoekonomija ċirkolari sostenibbli***, u bil-għan li jkun hemm kontribut lejn l-objettivi klimatiċi***. Meta jiżviluppaw skemi ta' appoġġ għall-bijoenerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk iqisu l-provvista sostenibbli disponibbli tal-bijomassa għall-użi enerġetiċi u mhux enerġetiċi u l-manutenzjoni tal-bjar tal-karbonju u tal-ekosistemi nazzjonali fil-foresti kif ukoll il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata tal-bijomassa, u ***jimplimentaw il-ġerarkija*** tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ma jagħtu l-ebda appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija minn ***bijomassa tal-injam primarja***. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa ***sekondarja*** tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l-estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill- |

estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill-ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi. Meta l-ebda użu ieħor għall-bijomassa tal-injam ma jkun ekonomikament vijabbli jew ambjentalment xieraq, l-irkupru tal-enerġija jgħin biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli. L-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijoenerġija jenħtieġ li għalhekk jiġu diretti lejn tali materja prima li għaliha teżisti ftit kompetizzjoni fis-suq mas-setturi tal-materjali, u li l-akkwist tagħha jitqies pożittiv kemm għall-klima kif ukoll għall-bijodiversità, sabiex jiġu evitati inċentivi negattivi għal perkorsi tal-bijoenerġija mhux sostenibbli, kif identifikat fir-rapport tal-JRC "The use of woody biomass for energy production in the EU"[13]. Min-naħa l-oħra, fid-definizzjoni tal-implikazzjonijiet ulterjuri tal-prinċipju kaskata, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet nazzjonali li jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-iskemi ta' appoġġ tagħhom. Il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jkunu l-għażla ta' prijorità. L-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li joħolqu skemi ta' appoġġ li jmorru kontra l-miri dwar it-trattament tal-iskart u li jwasslu għal użu ineffiċjenti tal-iskart riċiklabbli. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-bijoenerġija, mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jagħtux aktar appoġġ ***lill-impjanti*** tal-elettriku biss, sakemm l-installazzjonijiet ma jkunux f'reġjuni bi status ta' użu speċifiku fir-rigward tat-tranżizzjoni tagħhom lil hinn mill-karburanti fossili jew jekk l-installazzjonijiet jużaw il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju.

ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi. Meta l-ebda użu ieħor għall-bijomassa ***sekondarja*** tal-injam ma jkun ekonomikament vijabbli jew ambjentalment xieraq, l-irkupru tal-enerġija jgħin biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli. L-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijoenerġija jenħtieġ li għalhekk jiġu diretti lejn tali materja prima li għaliha teżisti ftit kompetizzjoni fis-suq mas-setturi tal-materjali, u li l-akkwist tagħha jitqies pożittiv kemm għall-klima kif ukoll għall-bijodiversità, sabiex jiġu evitati inċentivi negattivi għal perkorsi tal-bijoenerġija mhux sostenibbli, kif identifikat fir-rapport tal-JRC "The use of woody biomass for energy production in the EU". Min-naħa l-oħra, fid-definizzjoni tal-implikazzjonijiet ulterjuri tal-prinċipju kaskata, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet nazzjonali li jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-iskemi ta' appoġġ tagħhom. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju kaskata għall-bijomassa, sabiex il-bijomassa kollha tintuża skont l-ogħla valur miżjud ambjentali u ekonomiku tagħha, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-innovazzjonijiet teknoloġiji, il-volumi ta' materja prima disponibbli u s-sehem ta' użi industrijali preeżistenti f'kompetizzjoni għajr l-irkupru tal-enerġija, b'fokus fuq skemi ta' appoġġ u b'kunsiderazzjoni dovuta għall-ispeċifiċitajiet nazzjonali u d-disturbi naturali, bħan-nirien naturali, il-pesti u l-mard, filwaqt li jiġi mmassimizzat l-impatt klimatiku pożittiv tal-bijoenerġija u mminimizzati l-impatti dannużi fuq il-bijodiversità.*** Il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jkunu l-għażla ta' prijorità. L-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li joħolqu skemi ta' appoġġ li jmorru kontra l-miri dwar it-trattament tal-iskart u li jwasslu għal użu ineffiċjenti tal-iskart riċiklabbli. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-

bijoenerġija, mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jagħtux aktar appoġġ ***lill-użu tal-bijomassa tal-injam f'impjanti*** tal-elettriku biss, sakemm l-installazzjonijiet ma jkunux f'reġjuni bi status ta' użu speċifiku fir-rigward tat-tranżizzjoni tagħhom lil hinn mill-karburanti fossili jew jekk l-installazzjonijiet jużaw il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju. ***Fis-COP26, il-Kummissjoni flimkien mal-mexxejja globali għollew il-livell ta' ambizzjoni globali għall-preservazzjoni u l-irkupru tal-foresti globali, kif ukoll għal tranżizzjoni aċċellerata lejn trasport mingħajr emissjonijiet.***

---

[11] Il-prinċipju kaskata għandu l-għan li jikseb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-użu tal-bijomassa permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-użu tal-materjal tal-bijomassa għall-użu tal-enerġija kull fejn ikun possibbli, u b'hekk jiżdied l-ammont ta' bijomassa disponibbli fis-sistema. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l-estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill-ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi.

[12] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ( ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3 ).

[13] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC122719

[11] Il-prinċipju kaskata għandu l-għan li jikseb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-użu tal-bijomassa permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-użu tal-materjal tal-bijomassa għall-użu tal-enerġija kull fejn ikun possibbli, u b'hekk jiżdied l-ammont ta' bijomassa disponibbli fis-sistema. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l-estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill-ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi.

[12] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ( ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3 ).

[13] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC122719

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) It-tkabbir rapidu u ż-żieda fil-kompetittività tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli jistgħu jissodisfaw sehem dejjem akbar tad-domanda għall-enerġija, pereżempju bl-użu ta' pompi tas-sħana għal tisħin tal-post jew ta' proċessi industrijali ta' temperatura baxxa, ta' vetturi elettriċi għat-trasport, jew ta' fran elettriċi f'ċerti industriji. L-elettriku rinnovabbli jista' jintuża wkoll biex jiġu prodotti karburanti sintetiċi għall-konsum f'setturi tat-trasport li diffiċli jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. Qafas għall-elettrifikazzjoni jrid jippermetti koordinazzjoni robusta u effiċjenti u li jespandi l-mekkaniżmi tas-suq biex jilħaq kemm il-provvista kif ukoll id-domanda fl-ispazju u fiż-żmien, jistimula l-investimenti fil-flessibbiltà, u jgħin fl-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-użu tal-elettriku rinnovabbli jkompli jiżdied b'pass adegwat biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber. Għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas li jinkludi mekkaniżmi kompatibbli mas-suq biex jindirizzaw l-ostakli li jifdal biex ikun hemm sistemi tal-elettriku sikuri u adegwati adatti għal livell għoli ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin, integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-elettriku. B'mod partikolari, dan il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk mhux finanzjarji bħal riżorsi diġitali u umani insuffiċjenti tal-awtoritajiet għall-ipproċessar ta' għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-permessi. | (5) It-tkabbir rapidu u ż-żieda fil-kompetittività tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli jistgħu jissodisfaw sehem dejjem akbar tad-domanda għall-enerġija, pereżempju bl-użu ta' pompi tas-sħana għal tisħin tal-post jew ta' proċessi industrijali ta' temperatura baxxa, ta' vetturi elettriċi għat-trasport, jew ta' fran elettriċi f'ċerti industriji. L-elettriku rinnovabbli jista' jintuża wkoll biex jiġu prodotti karburanti sintetiċi għall-konsum f'setturi tat-trasport li diffiċli jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. ***Jenħtieġ li jiġu żviluppati teknoloġiji innovattivi, billi dawn jistgħu jikkontribwixxu lejn l-għanijiet klimatiċi għall-2030 kif ukoll lejn il-miri klimatiċi għall-2050***. Qafas għall-elettrifikazzjoni jrid jippermetti koordinazzjoni robusta u effiċjenti u li jespandi l-mekkaniżmi tas-suq biex jilħaq kemm il-provvista kif ukoll id-domanda fl-ispazju u fiż-żmien, jistimula l-investimenti fil-flessibbiltà, u jgħin fl-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-użu tal-elettriku rinnovabbli jkompli jiżdied b'pass adegwat biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber. Għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas li jinkludi mekkaniżmi kompatibbli mas-suq biex jindirizzaw l-ostakli li jifdal biex ikun hemm sistemi tal-elettriku sikuri u adegwati adatti għal livell għoli ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin, integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-elettriku. B'mod partikolari, dan il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk mhux finanzjarji bħal riżorsi diġitali u umani insuffiċjenti tal-awtoritajiet ***u gwida*** għall-ipproċessar ***aktar effiċjenti u kosteffettiv*** ta' għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-permessi ***fil-ħin***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Jenħtieġ li t-tnedija ta' pompi tas-sħana ibridi, li jistgħu jużaw kemm is-sħana kif ukoll il-gass bħala sors ta' enerġija, tiġi inċentivata fi ħdan il-kriterji tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030 u l-2050. Din tagħti l-flessibbiltà li s-sħana tintuża bħala sors ta' enerġija u l-gass jintuża bħala sors ta' enerġija tranżizzjonali lejn il-miri klimatiċi għall-2030, kif ukoll li jintużaw il-gass ekoloġiku u l-gass idroġenu lejn il-miri klimatiċi għall-2050. Jenħtieġ li teknoloġiji innovattivi, bħall-pompi tas-sħana ibridi, jiġu żviluppati u użati fi ħdan il-kriterji tad-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli, billi jistgħu jintużaw bħala teknoloġija ta' tranżizzjoni lejn l-għanijiet klimatiċi għall-2030 kif ukoll jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi għall-2050.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE fil-futur jenħtieġ li jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll jippermetti li jsiru investimenti fit-teknoloġiji meħtieġa.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(5c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri jeliminaw l-ostakli amministrattivi, b'mod partikolari bl-għan li jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli, inklużi Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) biex jiġi vvalutat il-progress tagħhom. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi għall-għoti ta' permessi u biżżejjed riżorsi diġitali u umani tal-awtoritajiet huma essenzjali biex jiġi aċċellerat l-użu ta' enerġiji rinnovabbli, u b'hekk jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Sabiex tissaħħaħ l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-pubbliku, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-possibbiltà li jinkludu komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fi proġetti konġunti ta' kooperazzjoni dwar l-enerġija tal-baħar. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu dejjem aktar il-possibbiltà li jikkombinaw il-ġenerazzjoni tal-enerġija tal-baħar ma' linji ta' trażmissjoni li jgħaqqdu lil bosta Stati Membri flimkien, fl-għamla ta' proġetti ibridi jew, fi stadju aktar avvanzat, ta' grilja aktar densa. Dan kieku jippermetti fluss tal-elettriku f'direzzjonijiet differenti, li b'hekk jimmassimizza l-benesseri soċjoekonomiku, jottimizza n-nefqa fuq l-infrastruttura u jippermetti użu aktar sostenibbli tal-baħar.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli qed jikber b'mod rapidu u jipprovdi rotta komplementari għas-suq tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli flimkien ma' skemi ta' appoġġ mill-Istati Membri jew għall-bejgħ dirett fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Fl-istess ħin, is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli għadu limitat għal għadd żgħir ta' Stati Membri u kumpaniji kbar, b'ostakli amministrattivi, tekniċi u finanzjarji sinifikanti li jifdal f'partijiet kbar tas-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-miżuri eżistenti fl-Artikolu 15 biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jissaħħu ulterjorment, billi jiġi esplorat l-użu ta' garanziji ta' kreditu biex jitnaqqsu r-riskji finanzjarji ta' dawn il-ftehimiet, filwaqt li jitqies li dawn il-garanziji, fejn ikunu pubbliċi, jenħtieġ li ma jeskludux il-finanzjament privat. | (9) Is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli qed jikber b'mod rapidu u jipprovdi rotta komplementari għas-suq tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli flimkien ma' skemi ta' appoġġ mill-Istati Membri jew għall-bejgħ dirett fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Fl-istess ħin, is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli għadu limitat għal għadd żgħir ta' Stati Membri u kumpaniji kbar, b'ostakli amministrattivi, tekniċi u finanzjarji sinifikanti li jifdal f'partijiet kbar tas-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-miżuri eżistenti fl-Artikolu 15 biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jissaħħu ulterjorment, billi jiġi esplorat l-użu ta' garanziji ta' kreditu biex jitnaqqsu r-riskji finanzjarji ta' dawn il-ftehimiet, filwaqt li jitqies li dawn il-garanziji, fejn ikunu pubbliċi, jenħtieġ li ma jeskludux il-finanzjament privat. ***Jenħtieġ li kemm investituri sovrani kif ukoll dawk privati jitħeġġu wkoll joħorġu bonds Ekoloġiċi Ewropej biex jiffinanzjaw proġetti jew skemi ta' sussidju għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli.*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-binjiet għandhom potenzjal kbir mhux sfruttat biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ f'dan is-settur permezz ta' sehem akbar fil-produzzjoni u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli se tkun meħtieġa biex tiġi | (11) Il-binjiet għandhom potenzjal kbir mhux sfruttat biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ f'dan is-settur permezz ta' sehem akbar fil-produzzjoni u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli***, kif ukoll ta' miżuri ta'*** |

| | |
|---|---|
| ssodisfata l-ambizzjoni stabbilita fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika. Madankollu, il-progress dwar l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ kien staġnat fl-aħħar deċennju, li fil-biċċa l-kbira jiddependi fuq użu akbar tal-bijomassa. Mingħajr l-istabbiliment ta' miri biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, mhux se jkun hemm kapaċità biex jiġi traċċat il-progress u jiġu identifikati l-konġestjonijiet fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' miri se jipprovdi sinjal fit-tul lill-investituri, inkluż għall-perjodu immedjatament wara l-2030. Dan se jikkomplementa l-obbligi relatati mal-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri indikattivi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet biex jiggwidaw u jinċentivaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jisfruttaw il-potenzjal tal-użu u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli filwaqt li jipprovdu ċertezza għall-investituri u l-involviment fil-livell lokali. | ***effiċjenza enerġetika,*** se tkun meħtieġa biex tiġi ssodisfata l-ambizzjoni stabbilita fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika. Madankollu, il-progress dwar l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ kien staġnat fl-aħħar deċennju, li fil-biċċa l-kbira jiddependi fuq użu akbar tal-bijomassa. Mingħajr l-istabbiliment ta' miri biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, mhux se jkun hemm kapaċità biex jiġi traċċat il-progress u jiġu identifikati l-konġestjonijiet fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' miri se jipprovdi sinjal fit-tul lill-investituri, inkluż għall-perjodu immedjatament wara l-2030. Dan se jikkomplementa l-obbligi relatati mal-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri indikattivi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet biex jiggwidaw u jinċentivaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jisfruttaw il-potenzjal tal-użu u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ***innovattivi*** li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli filwaqt li jipprovdu ċertezza għall-investituri u l-involviment fil-livell lokali. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema tas-sengħa, b'mod partikolari l-installaturi u d-disinjaturi ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli, inaqqsu r-ritmu tas-sostituzzjoni ta' sistemi ta' tisħin tal-karburanti fossili b'sistemi bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli u huma ostaklu ewlieni għall-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli fil-binjiet, fl-industrija u fl-agrikoltura. L-Istati Membri jenħtieġ li | (12) Għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema tas-sengħa, b'mod partikolari l-installaturi u d-disinjaturi ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli, inaqqsu r-ritmu tas-sostituzzjoni ta' sistemi ta' tisħin tal-karburanti fossili b'sistemi bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli u huma ostaklu ewlieni għall-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli fil-binjiet, fl-industrija u fl-agrikoltura. L-Istati Membri jenħtieġ li |

| | |
|---|---|
| jikkooperaw mas-sħab soċjali u mal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli biex jantiċipaw il-ħiliet li se jkunu meħtieġa. Għadd suffiċjenti ta' programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja u ta' possibbiltajiet ta' ċertifikazzjoni li jiżguraw installazzjoni xierqa u tħaddim affidabbli ta' firxa wiesgħa ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli jenħtieġ li jkunu disponibbli u mfassla b'mod li jattiraw il-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ u f'sistemi ta' ċertifikazzjoni bħal dawn. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw liema azzjonijiet għandhom jittieħdu biex jattiraw gruppi li bħalissa mhumiex irrappreżentati biżżejjed fl-oqsma tax-xogħol inkwistjoni. Il-lista ta' installaturi mħarrġa u ċċertifikati jenħtieġ li ssir pubblika biex jiġu żgurati kemm il-fiduċja tal-konsumatur kif ukoll l-aċċess faċli għal ħiliet ta' disinjaturi u ta' installaturi mfassla apposta li jiggarantixxu installazzjoni u tħaddim xierqa tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli. | ***jissieħbu u*** jikkooperaw ***mal-awtoritajiet tan-negozju, reġjonali u edukattivi,*** mas-sħab soċjali u mal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli biex jantiċipaw il-ħiliet li se jkunu meħtieġa. Għadd suffiċjenti ta' programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja u ta' possibbiltajiet ta' ċertifikazzjoni li jiżguraw installazzjoni xierqa u tħaddim affidabbli ta' firxa wiesgħa ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli jenħtieġ li jkunu disponibbli u mfassla b'mod li jattiraw il-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ u f'sistemi ta' ċertifikazzjoni bħal dawn. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw liema azzjonijiet għandhom jittieħdu biex jattiraw gruppi li bħalissa mhumiex irrappreżentati biżżejjed fl-oqsma tax-xogħol inkwistjoni ***u biex jinċentivizzaw il-promozzjoni ta' ħiliet ġodda u mtejba, bil-għan speċifiku li jappoġġaw impjieg stabbli, lokali u ta' kwalità għolja fil-komunitajiet rurali***. Il-lista ta' installaturi mħarrġa u ċċertifikati jenħtieġ li ssir pubblika biex jiġu żgurati kemm il-fiduċja tal-konsumatur kif ukoll l-aċċess faċli għal ħiliet ta' disinjaturi u ta' installaturi mfassla apposta li jiggarantixxu installazzjoni u tħaddim xierqa tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex is-servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar mill-aggregazzjoni tal-assi tal-ħżin distribwiti jiġu żviluppati b'mod kompetittiv, l-aċċess f'ħin reali għall-informazzjoni bażika dwar il-batteriji bħall-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ, il-kapaċità u s-set point tal-potenza jenħtieġ li jiġi pprovdut skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas lis-sidien jew lill-utenti tal-batteriji u lill-entitajiet li jaġixxu | (16) Sabiex is-servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar mill-aggregazzjoni tal-assi tal-ħżin distribwiti jiġu żviluppati b'mod kompetittiv, l-aċċess f'ħin reali għall-informazzjoni bażika dwar il-batteriji bħall-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ, il-kapaċità u s-set point tal-potenza jenħtieġ li jiġi pprovdut skont termini mhux diskriminatorji***, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament*** |

f'isimhom, bħall-maniġers tas-sistemi tal-enerġija tal-binjiet, il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u parteċipanti oħrajn fis-suq tal-elettriku. Għalhekk huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw il-ħtieġa ta' aċċess għal tali data għall-iffaċilitar tal-operazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni ta' batteriji domestiċi u vetturi elettriċi, li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji relatati mal-iffaċilitar tal-adattament mill-ġdid tal-batteriji fi [ir-regolament propost tal-Kummissjoni dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020]. Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li japplikaw flimkien ma' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilita fid-dritt tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

***(UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a] u bla ħlas lis-sidien jew lill-utenti tal-batteriji u lill-entitajiet li jaġixxu f'isimhom, bħall-maniġers tas-sistemi tal-enerġija tal-binjiet, il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u parteċipanti oħrajn fis-suq tal-elettriku***, bħall-utenti tal-vetturi elettriċi***. Għalhekk huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw il-ħtieġa ta' aċċess għal tali data għall-iffaċilitar tal-operazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni ta' batteriji domestiċi u vetturi elettriċi, li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji relatati mal-iffaċilitar tal-adattament mill-ġdid tal-batteriji fi [ir-regolament propost tal-Kummissjoni dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020]. Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li japplikaw flimkien ma' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilita fid-dritt tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

______________

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-utenti ta' vetturi elettriċi li jidħlu fi ftehimiet kuntrattwali ma' fornituri ta' servizzi tal-elettromobbiltà u ma' parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu informazzjoni u spjegazzjonijiet dwar kif it-termini tal-ftehim se jaffettwaw l-użu tal-vettura tagħhom u l-istat tas-saħħa tal-batterija tagħha. Il-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jispjegaw b'mod ċar lill-utenti tal-vetturi elettriċi kif se jiġu rimunerati għall-flessibbiltà, għall-ibbilanċjar u għas-servizzi ta' ħżin ipprovduti lis-sistema u lis-suq tal-elettriku bl-użu tal-vettura elettrika tagħhom. L-utenti tal-vetturi elettriċi jrid ikollhom ukoll id-drittijiet tal-konsumatur tagħhom garantiti meta jidħlu f'tali ftehimiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom bħall-post u d-drawwiet tas-sewqan, b'rabta mal-użu tal-vettura tagħhom. Il-preferenza tal-utenti tal-vetturi elettriċi fir-rigward tat-tip ta' elettriku mixtri għall-użu fil-vettura elettrika tagħhom, kif ukoll preferenzi oħra, jistgħu jkunu wkoll parti minn tali ftehimiet. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, huwa importanti li ***l-utenti tal-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jużaw l-abbonament tagħhom f'diversi punti*** tal-irriċarġjar. Dan jippermetti wkoll lill-fornitur tas-servizz tal-għażla tal-utent tal-vettura elettrika biex jintegra bl-aħjar mod il-vettura elettrika fis-sistema tal-elettriku, permezz ta' ppjanar u inċentivi prevedibbli bbażati fuq il-preferenzi tal-utent tal-vettura elettrika. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji ta' sistema tal-enerġija bbażata fuq il-konsumatur u fuq il-prosumatur, u d-dritt tal-għażla tal-fornitur tal-utenti tal-vetturi elettriċi bħala klijenti finali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944. | (18) L-utenti ta' vetturi elettriċi li jidħlu fi ftehimiet kuntrattwali ma' fornituri ta' servizzi tal-elettromobbiltà u ma' parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu informazzjoni u spjegazzjonijiet dwar kif it-termini tal-ftehim se jaffettwaw l-użu tal-vettura tagħhom u l-istat tas-saħħa tal-batterija tagħha. Il-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jispjegaw b'mod ċar lill-utenti tal-vetturi elettriċi kif se jiġu rimunerati għall-flessibbiltà, ***kif tintuża d-data aggregata tagħhom,*** għall-ibbilanċjar u għas-servizzi ta' ħżin ipprovduti lis-sistema u lis-suq tal-elettriku bl-użu tal-vettura elettrika tagħhom. L-utenti tal-vetturi elettriċi jrid ikollhom ukoll id-drittijiet tal-konsumatur tagħhom garantiti meta jidħlu f'tali ftehimiet, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-privatezza u*** tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom bħall-post u d-drawwiet tas-sewqan, b'rabta mal-użu tal-vettura tagħhom. Il-preferenza tal-utenti tal-vetturi elettriċi fir-rigward tat-tip ta' elettriku mixtri għall-użu fil-vettura elettrika tagħhom, kif ukoll preferenzi oħra, jistgħu jkunu wkoll parti minn tali ftehimiet. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, huwa importanti li ***jiġi żgurat li l-infrastruttura ta' ċċarġjar li tkun se tintuża tintuża bl-aktar mod effettiv, u sabiex tiżdied il-kunfidenza tal-konsumatur fl-elettromobbiltà, huwa essenzjali li l-użu ta' stazzjonijiet*** tal-irriċarġjar ***aċċessibbli għall-pubbliku jkun miftuħ għall-utenti kollha, irrispettivament mill-marka tal-karozza u minn jekk ikunux parti minn skema ta' pagament ibbażata fuq kuntratt, u li jkunu jaċċettaw kards tal-ħlas li jintużaw b'mod wiesa' fl-Unjoni***. Dan jippermetti wkoll lill-fornitur tas-servizz tal-għażla tal-utent tal-vettura elettrika biex jintegra bl-aħjar mod il-vettura elettrika fis-sistema tal-elettriku, permezz ta' ppjanar u inċentivi prevedibbli bbażati fuq il-preferenzi tal- |

utent tal-vettura elettrika. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji ta' sistema tal-enerġija bbażata fuq il-konsumatur u fuq il-prosumatur, u d-dritt tal-għażla tal-fornitur tal-utenti tal-vetturi elettriċi bħala klijenti finali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944.

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-punti tal-irriċarġjar fejn il-vetturi elettriċi tipikament jiġu pparkjati għal perjodi ta' żmien estiżi, bħal fejn in-nies jipparkjaw għal raġunijiet ta' residenza jew ta' impjieg, huma rilevanti ħafna għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, u għalhekk iridu jiġu żgurati funzjonalitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti. F'dan ir-rigward, it-tħaddim ta' infrastruttura ta' ċċarġjar normali mhux aċċessibbli għall-pubbliku huwa partikolarment importanti għall-integrazzjoni tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku peress li tinsab fejn il-vetturi elettriċi jiġu pparkjati ripetutament għal perjodi twal ta' żmien, bħal f'bini b'aċċess ristrett, faċilitajiet ta' parkeġġ jew ta' parkeġġ tal-impjegati mikrija lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi. | (20) Il-punti tal-irriċarġjar fejn il-vetturi elettriċi tipikament jiġu pparkjati għal perjodi ta' żmien estiżi, bħal fejn in-nies jipparkjaw għal raġunijiet ta' residenza jew ta' impjieg, huma rilevanti ħafna għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, u għalhekk iridu jiġu żgurati funzjonalitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti ***u bidirezzjonali***. F'dan ir-rigward, it-tħaddim ta' infrastruttura ta' ċċarġjar normali mhux aċċessibbli għall-pubbliku huwa partikolarment importanti għall-integrazzjoni tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku peress li tinsab fejn il-vetturi elettriċi jiġu pparkjati ripetutament għal perjodi twal ta' żmien, bħal f'bini b'aċċess ristrett, faċilitajiet ta' parkeġġ jew ta' parkeġġ tal-impjegati mikrija lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-industrija tirrappreżenta 25 % tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni, u hija konsumatur ewlieni tat-tisħin u t-tkessiħ, li bħalissa 91 % minnu huwa fornut mill-karburanti fossili. Madankollu, 50 % tad- | (21) L-industrija tirrappreżenta 25 % tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni, u hija konsumatur ewlieni tat-tisħin u t-tkessiħ, li bħalissa 91 % minnu huwa fornut mill-karburanti fossili. Madankollu, 50 % tad- |

domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ hija ta' temperatura baxxa (<200 °C) li għaliha hemm għażliet kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz l-elettrifikazzjoni. Barra minn hekk, l-industrija tuża sorsi mhux rinnovabbli bħala materja prima biex tipproduċi prodotti bħall-azzar jew sustanzi kimiċi. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment industrijali llum se jiddeterminaw il-proċessi industrijali futuri u l-għażliet enerġetiċi li jistgħu jitqiesu mill-industrija, u għalhekk huwa importanti li dawk id-deċiżjonijiet dwar l-investimenti jibqgħu validi fil-futur. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji biex jinċentivaw lill-industrija biex taqleb għal proċessi ta' produzzjoni bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli li mhux biss huma mħaddma bl-enerġija rinnovabbli, iżda jużaw ukoll materja prima bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-idroġenu rinnovabbli. Barra minn hekk, hija meħtieġa metodoloġija komuni għall-prodotti li huma ttikkettati bħala li ġew prodotti parzjalment jew kompletament bl-użu tal-enerġija rinnovabbli jew bl-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika bħala materja prima, filwaqt li jitqiesu l-metodoloġiji eżistenti tal-Unjoni għat-tikkettar tal-prodotti u l-inizjattivi sostenibbli tal-prodotti. Dan jevita prattiki qarrieqa u jżid il-fiduċja tal-konsumaturi. Barra minn hekk, minħabba l-preferenza tal-konsumatur għal prodotti li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, dan jistimula domanda tas-suq għal dawk il-prodotti.

domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ hija ta' temperatura baxxa (<200 °C) li għaliha hemm għażliet kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz l-elettrifikazzjoni. Barra minn hekk, l-industrija tuża sorsi mhux rinnovabbli bħala materja prima biex tipproduċi prodotti bħall-azzar jew sustanzi kimiċi. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment industrijali llum se jiddeterminaw il-proċessi industrijali futuri u l-għażliet enerġetiċi li jistgħu jitqiesu mill-industrija, u għalhekk huwa importanti li dawk id-deċiżjonijiet dwar l-investimenti jibqgħu validi fil-futur. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji biex jinċentivaw lill-industrija biex taqleb għal proċessi ta' produzzjoni bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli li mhux biss huma mħaddma bl-enerġija rinnovabbli, iżda jużaw ukoll materja prima bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-idroġenu rinnovabbli. ***Billi d-domanda għall-idroġenu rinnovabbli hija mistennija taqbeż il-provvista fil-futur qarib, huwa importanti li jsir użu effiċjenti mill-materja prima sostenibbli kollha disponibbli għall-produzzjoni tal-idroġenu, u għal dan il-għan li jiġi permess l-użu tal-idroġenu kemm minn sorsi rinnovabbli kif ukoll minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-iskopijiet rilevanti kollha ta' din id-direttiva.*** Barra minn hekk, hija meħtieġa metodoloġija komuni għall-prodotti li huma ttikkettati bħala li ġew prodotti parzjalment jew kompletament bl-użu tal-enerġija rinnovabbli jew bl-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika bħala materja prima, filwaqt li jitqiesu l-metodoloġiji eżistenti tal-Unjoni għat-tikkettar tal-prodotti u l-inizjattivi sostenibbli tal-prodotti. Dan jevita prattiki qarrieqa u jżid il-fiduċja tal-konsumaturi. Barra minn hekk, minħabba l-preferenza tal-konsumatur għal prodotti li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, dan jistimula

domanda tas-suq għal dawk il-prodotti.

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jistgħu jintużaw għal finijiet ta' enerġija, iżda wkoll għal finijiet mhux ta' enerġija bħala feedstock jew materja prima f'industriji bħall-azzar jew is-sustanzi kimiċi. ***L-użu*** ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għaż-żewġ skopijiet jisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħhom li jissostitwixxu l-karburanti fossili użati bħala materja prima u li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***fl-industrija*** u għalhekk jenħtieġ li jiġu inklużi f'mira għall-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Il-miżuri nazzjonali biex jappoġġaw l-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ***fl-industrija*** jenħtieġ li ma jirriżultawx f'żidiet netti fit-tniġġis minħabba domanda akbar għall-ġenerazzjoni tal-elettriku li hija ssodisfata mill-aktar karburanti fossili li jniġġsu, bħall-faħam, id-diżil, il-linjite, iż-żejt, il-pit u x-shale taż-żejt. | (22) Il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jistgħu jintużaw għal finijiet ta' enerġija, iżda wkoll għal finijiet mhux ta' enerġija bħala feedstock jew materja prima f'industriji bħall-azzar jew is-sustanzi kimiċi***, fejn spiss ikunu l-unika għażla għad-dekarbonizzazzjoni u fejn inaqqsu aktar gassijiet serra għal kull unità ta' idroġenu milli fit-trasport jew fit-tisħin***. ***F'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", l-użu*** ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għaż-żewġ skopijiet jisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħhom li jissostitwixxu l-karburanti fossili użati bħala materja prima u li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***fil-proċessi industrijali li ma jistgħux jiġu elettrifikati direttament b'sorsi rinnovabbli,*** u għalhekk jenħtieġ li jiġu inklużi f'mira għall-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Il-miżuri nazzjonali biex jappoġġaw l-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ***f'dawk is-setturi industrijali*** jenħtieġ li ma jirriżultawx f'żidiet netti fit-tniġġis minħabba domanda akbar għall-ġenerazzjoni tal-elettriku li hija ssodisfata mill-aktar karburanti fossili li jniġġsu, bħall-faħam, id-diżil, il-linjite, iż-żejt, il-pit u x-shale taż-żejt. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(22a) L-objettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u tan-newtralità klimatika jenħtieġ li ma jintlaħqux għad-detriment tal-bijodiversità. Skont ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar "State of the Water" (L-Istat tal-Ilma), ix-xmajjar tal-Unjoni jinsabu f'qagħda ħażina b'44 % minnhom biss jinsabu f'qagħda ekoloġika tajba jew għolja. Minbarra t-tniġġis kimiku, "pressjonijiet relatati mal-enerġija u installazzjonijiet tal-idroenerġija" huma l-akbar theddida għal dawn l-ekosistemi importanti. Barra minn hekk, huwa maħsub li x-xmajjar Ewropej huma l-aktar ekosistemi tal-ilma ħelu frammentati fid-dinja. B'mod partikolari, l-impjanti idroelettriċi żgħar jistgħu jipperikolaw l-għan li jiġu rrestawrati 25 000 km ta' xmajjar bi fluss liberu, stabbilit fl-Istrateġija għall-Bijodiversità. L-effett tal-enerġija idroelettrika fuq il-bijodiversità kien konsiderevoli: mill-1970, l-ispeċijiet migratorji ta' ħut tal-ilma ħelu naqsu bi 93 fil-mija. L-impjanti idroelettriċi l-ġodda kollha jenħtieġ li jiġu esklużi mill-possibbiltà li jingħataw appoġġ jew li jgħoddu lejn il-miri. Barra minn hekk, sabiex jirċievu appoġġ, jenħtieġ li l-impjanti eżistenti jkunu jistgħu jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti: fost affarijiet oħra, jenħtieġ li jkunu akbar minn 10 MW u jissodisfaw ir-rekwiżiti ekoloġiċi minimi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.***

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) L-użu tal-karburanti rinnovabbli u tal-elettriku rinnovabbli fit-trasport jista' jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, u jtejjeb, fost l-oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-enerġija f'dak is-settur | (29) L-użu tal-karburanti rinnovabbli u tal-elettriku rinnovabbli fit-trasport jista' jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, u jtejjeb, fost l-oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-enerġija f'dak is-settur |

| | |
|---|---|
| filwaqt li jippromwovi l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Bil-għan li tintlaħaq il-mira miżjuda għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra definita mill-Unjoni, jenħtieġ li jiżdied il-livell ta' enerġija rinnovabbli pprovdut lill-modi kollha tat-trasport fl-Unjoni. L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tistimula użu dejjem akbar tal-karburanti l-aktar kosteffettivi u produttivi, f'termini ta' ffrankar ta' gassijiet serra, fit-trasport. Barra minn hekk, objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet jistimula l-innovazzjoni u jistabbilixxi parametru referenzjarju ċar biex jitqabblu t-tipi ta' karburant u l-elettriku rinnovabbli skont l-intensità tal-gassijiet serra tagħhom. Minbarra dan, iż-żieda fil-livell tal-mira bbażata fuq l-enerġija fuq il-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass u l-introduzzjoni ta' mira għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiżguraw użu akbar tal-karburanti rinnovabbli bl-iżgħar impatt ambjentali fil-modi tat-trasport li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati. L-ilħuq ta' dawk il-miri jenħtieġ li jiġi żgurat permezz ta' obbligi fuq il-fornituri tal-karburanti kif ukoll permezz ta' miżuri oħrajn inklużi fir-[Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu - FuelEU Maritime u r-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru]. L-obbligi ddedikati fuq il-fornituri tal-karburanti tal-avjazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss skont [ir-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru]. | filwaqt li jippromwovi l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Bil-għan li tintlaħaq il-mira miżjuda għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra definita mill-Unjoni, jenħtieġ li jiżdied il-livell ta' enerġija rinnovabbli pprovdut lill-modi kollha tat-trasport fl-Unjoni. L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tistimula użu dejjem akbar tal-karburanti l-aktar kosteffettivi u produttivi, f'termini ta' ffrankar ta' gassijiet serra, fit-trasport. Barra minn hekk, objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet jistimula l-innovazzjoni u jistabbilixxi parametru referenzjarju ċar biex jitqabblu t-tipi ta' karburant u l-elettriku rinnovabbli skont l-intensità tal-gassijiet serra tagħhom. Minbarra dan, iż-żieda fil-livell tal-mira bbażata fuq l-enerġija fuq il-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass u l-introduzzjoni ta' mira għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiżguraw użu akbar tal-karburanti rinnovabbli bl-iżgħar impatt ambjentali fil-modi tat-trasport li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati. ***L-iżvilupp tal-bijofjuwils avvanzati fil-mezzi kollha tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 29(2) sa (7) u mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 28(6) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-valutazzjonijiet preċedenti ta' materja prima addizzjonali potenzjali li għandha tiġi elenkata fl-Anness IX, b'mod partikolari fid-dawl tan-neċessità tal-materja prima li preċedentement tkun instabet li ma tissodisfax il-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness IX skont il-prinċipji stipulati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(6). Dan jenfasizza l-ħtieġa għal użu effettiv tal-bijofjuwils avvanzati fl-industrija Ewropea sħiħa, kif ukoll l-iżgurar li għall-bijofjuwils avvanzati jkunu qed jintużaw il-prinċipju kaskata u l-ġerarkija tal-iskart it-tajbin.*** L-ilħuq ta' dawk il-miri jenħtieġ li jiġi żgurat permezz ta' obbligi fuq il-fornituri tal-karburanti kif ukoll permezz ta' miżuri oħrajn inklużi fir- |

[Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu - FuelEU Maritime u r-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru]. L-obbligi ddedikati fuq il-fornituri tal-karburanti tal-avjazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss skont [ir-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru].

**Emenda 24**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) L-elettromobbiltà se jkollha rwol essenzjali fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Sabiex irawmu l-iżvilupp ulterjuri tal-elettromobbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kreditu li jippermetti lill-operaturi ta' punti ta' ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jikkontribwixxu, billi jipprovdu elettriku rinnovabbli, lejn it-twettiq tal-obbligu stabbilit mill-Istati Membri dwar il-fornituri tal-karburanti. Filwaqt li jiġi appoġġat l-elettriku fit-trasport permezz ta' mekkaniżmu bħal dan, huwa importanti li l-Istati Membri jkomplu jistabbilixxu livell għoli ta' ambizzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-karburant likwidu tagħhom fit-trasport. | (30) L-elettromobbiltà se jkollha rwol essenzjali fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Sabiex irawmu l-iżvilupp ulterjuri tal-elettromobbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kreditu li jippermetti lill-operaturi ta' punti ta' ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku***, u fejn dan ikun teknikament fattibbli, permezz ta' punti ta' ċċarġjar privati u semipubbliċi,*** jikkontribwixxu, billi jipprovdu elettriku rinnovabbli, lejn it-twettiq tal-obbligu stabbilit mill-Istati Membri dwar il-fornituri tal-karburanti. Filwaqt li jiġi appoġġat l-elettriku fit-trasport permezz ta' mekkaniżmu bħal dan, huwa importanti li l-Istati Membri jkomplu jistabbilixxu livell għoli ta' ambizzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-karburant likwidu tagħhom fit-trasport. |

**Emenda 25**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Il-politika tal-Unjoni dwar l- | (31) Il-politika tal-Unjoni dwar l- |

enerġija rinnovabbli għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni Ewropea f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Fl-ilħuq ta' dan l-għan, huwa essenzjali li jingħata kontribut ukoll għal objettivi ambjentali usa', u b'mod partikolari l-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità, li hija affettwata b'mod negattiv mit-tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjat mal-produzzjoni ta' ċerti bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa. Il-kontribut għal dawn l-objettivi klimatiċi u ambjentali jikkostitwixxi tħassib profond u fit-tul interġenerazzjonali għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għal-leġiżlatur tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-bidliet fil-mod kif tiġi kkalkolata l-mira tat-trasport jenħtieġ li ma jaffettwawx il-limiti stabbiliti dwar kif għandu jitqies dak il-għan għal ċerti karburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf minn naħa waħda u karburanti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, sabiex ma jinħoloq l-ebda inċentiv għall-użu ta' bijokarburanti u bijogass prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf fit-trasport, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jkunu jistgħu jagħżlu jekk jgħodduhomx jew le lejn il-mira tat-trasport. Jekk ma jgħodduhomx, dawn jistgħu jnaqqsu l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet kif xieraq, jekk wieħed jassumi li l-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf jiffrankaw 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jikkorrispondi għall-valuri tipiċi stabbiliti f'anness ta' din id-Direttiva għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-aktar perkorsi tal-produzzjoni rilevanti ta' bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf kif ukoll il-limitu minimu ta' ffrankar li japplika għall-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet li jipproduċu tali bijokarburanti.

enerġija rinnovabbli għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni Ewropea f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Fl-ilħuq ta' dan l-għan, huwa essenzjali li jingħata kontribut ukoll għal objettivi ambjentali usa', u b'mod partikolari l-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità, li hija affettwata b'mod negattiv mit-tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjat mal-produzzjoni ta' ċerti bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa. Il-kontribut għal dawn l-objettivi klimatiċi u ambjentali jikkostitwixxi tħassib profond u fit-tul interġenerazzjonali għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għal-leġiżlatur tal-Unjoni. ***Huwa meħtieġ li jintemm l-użu ta' karburanti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, bħaż-żejt tal-palm, is-sojja u l-prodotti sekondarji tagħhom, u li jintaqqas is-sehem massimu tal-karburanti prodotti mill-għelejjel. Rigward il-materja prima elenkata fl-Anness IX, jenħtieġ li jiġi żgurat li jitqiesu l-użi f'kompetizzjoni tal-materja prima, biex jiġi evitat li materja prima partikolari ma tibqax tintuża b'mod li trendi valur ogħla. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li telimina materja prima mil-lista fl-Anness IX;*** B'konsegwenza ta' dan, il-bidliet fil-mod kif tiġi kkalkolata l-mira tat-trasport jenħtieġ li ma jaffettwawx il-limiti stabbiliti dwar kif għandu jitqies dak il-għan għal ċerti karburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf minn naħa waħda u karburanti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, sabiex ma jinħoloq l-ebda inċentiv għall-użu ta' bijokarburanti u bijogass prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf fit-trasport, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jkunu jistgħu jagħżlu jekk jgħodduhomx jew le lejn il-mira tat-trasport. Jekk ma jgħodduhomx, dawn jistgħu jnaqqsu l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet kif xieraq, jekk wieħed jassumi li l-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf

| | |
|---|---|
| | jiffrankaw 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jikkorrispondi għall-valuri tipiċi stabbiliti f'anness ta' din id-Direttiva għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-aktar perkorsi tal-produzzjoni rilevanti ta' bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf kif ukoll il-limitu minimu ta' ffrankar li japplika għall-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet li jipproduċu tali bijokarburanti. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tagħmel l-użu ta' multiplikaturi mhux neċessarju biex jiġu promossi ċerti sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan minħabba li sorsi differenti ta' enerġija rinnovabbli jiffrankaw ammonti differenti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u, għalhekk, jikkontribwixxu b'mod differenti għal mira. L-elettriku rinnovabbli jenħtieġ li jitqies li għandu emissjonijiet żero, li jfisser li jiffranka 100 % tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-elettriku prodott mill-karburanti fossili. Dan joħloq inċentiv għall-użu tal-elettriku rinnovabbli peress li l-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat x'aktarx li ma jilħqux tali perċentwal għoli ta' ffrankar. L-elettrifikazzjoni li tiddependi fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli għalhekk issir l-aktar mod effiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss l-użu ta' bijokarburanti avvanzati u ta' bijogass u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fil-modi tal-avjazzjoni u dawk marittimi, li huma diffiċli li jiġu elettrifikati, huwa xieraq li ***jinżamm*** il-multiplikatur għal dawk il-karburanti fornuti f'dawk il-modi meta jingħaddu mal-miri speċifiċi stabbiliti | (32) L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tagħmel l-użu ta' multiplikaturi mhux neċessarju biex jiġu promossi ċerti sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan minħabba li sorsi differenti ta' enerġija rinnovabbli jiffrankaw ammonti differenti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u, għalhekk, jikkontribwixxu b'mod differenti għal mira. L-elettriku rinnovabbli jenħtieġ li jitqies li għandu emissjonijiet żero, li jfisser li jiffranka 100 % tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-elettriku prodott mill-karburanti fossili. Dan joħloq inċentiv għall-użu tal-elettriku rinnovabbli peress li l-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat x'aktarx li ma jilħqux tali perċentwal għoli ta' ffrankar. L-elettrifikazzjoni li tiddependi fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli għalhekk issir l-aktar mod effiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss l-użu ta' bijokarburanti avvanzati u ta' bijogass u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fil-modi tal-avjazzjoni u dawk marittimi, li huma diffiċli li jiġu elettrifikati, huwa xieraq li ***jiżdied*** il-multiplikatur għal dawk il-karburanti fornuti f'dawk il-modi meta jingħaddu mal-miri speċifiċi stabbiliti għal |

| | |
|---|---|
| għal dawk il-karburanti. | dawk il-karburanti. |

**Emenda 27**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Sabiex tiġi żgurata effettività ambjentali ogħla tal-kriterji tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiert serra għall-karburanti tal-bijomassa solida f'installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin, l-elettriku u t-tkessiħ, il-limitu minimu għall-applikabbiltà ta' tali kriterji jenħtieġ li jitnaqqas mill-20 MW attwali għal ***5 MW.*** | (35) Sabiex tiġi żgurata effettività ambjentali ogħla tal-kriterji tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiert serra għall-karburanti tal-bijomassa solida f'installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin, l-elettriku u t-tkessiħ, il-limitu minimu għall-applikabbiltà ta' tali kriterji jenħtieġ li jitnaqqas mill-20 MW attwali għal ***7.5 MW.*** |

**Emenda 28**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 saħħet il-qafas dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija u l-iffrankar tal-gassijiet serra billi stabbiliet kriterji għas-setturi kollha tal-użu finali. Hija stabbiliet regoli speċifiċi għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti, li jirrikjedu s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet ta' ħsad u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet mit-tibdil fl-użu tal-art. Sabiex tinkiseb protezzjoni akbar tal-ħabitats b'bijodiversità u b'livell għoli ta' karbonju, bħall-foresti primarji, foresti b'bijodiversità għolja, mergħat ***u*** torbieri, jenħtieġ li jiġu introdotti esklużjonijiet u limitazzjonijiet għall-bijomassa tal-foresti minn dawk iż-żoni, f'konformità mal-approċċ għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa | (36) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 saħħet il-qafas dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija u l-iffrankar tal-gassijiet serra billi stabbiliet kriterji għas-setturi kollha tal-użu finali. Hija stabbiliet regoli speċifiċi għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti, li jirrikjedu s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet ta' ħsad u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet mit-tibdil fl-użu tal-art. Sabiex tinkiseb protezzjoni akbar tal-ħabitats b'bijodiversità u b'livell għoli ta' karbonju, bħall-foresti primarji ***u dawk qodma***, foresti b'bijodiversità għolja, mergħat***,*** torbieri ***u xagħriet***, jenħtieġ li jiġu introdotti esklużjonijiet u limitazzjonijiet għall-bijomassa tal-foresti minn dawk iż-żoni, f'konformità mal-approċċ għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti |

| | |
|---|---|
| agrikola. Barra minn hekk, il-kriterji għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li japplikaw ukoll għal installazzjonijiet eżistenti bbażati fuq il-bijomassa biex jiġi żgurat li l-produzzjoni tal-bijoenerġija f'dawn l-installazzjonijiet kollha twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-enerġija prodotta mill-karburanti fossili. | tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola. Barra minn hekk, il-kriterji għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li japplikaw ukoll għal installazzjonijiet eżistenti bbażati fuq il-bijomassa biex jiġi żgurat li l-produzzjoni tal-bijoenerġija f'dawn l-installazzjonijiet kollha twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-enerġija prodotta mill-karburanti fossili. ***Foresti seminaturali bħala foresti jew art imsaġġra oħra li la huma foresta primarja u lanqas tisġir, u li huma predominantement magħmula minn siġar u speċijiet nattivi ta' arbuxelli li ma jkunux inżergħu, għandhom valur għoli għall-bijodiversità u l-klima u jenħtieġ li ma jiġux trasformati f'tisġir jew jiġu degradati b'xi mod ieħor. Għandha tingħata attenzjoni lix-xjenza tal-foresti biex jiġu indirizzati mistoqsijiet miftuħa u tiġi pprovduta data, billi dan huwa kruċjali biex jiġu mifhum aħjar ir-rwol tas-siġar tagħna għall-klima, l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Jenħtieġ li bijofjuwils, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola u tal-foresti, kif ukoll Karburanti Rinnovabbli ta' Oriġini Mhux Bijoloġika, jinkisbu minn artijiet jew foresti li għalihom ikunu rispettati d-drittijiet ta' partijiet terzi rigward l-użu u l-pussess tal-art jew il-foresta, billi jinkiseb il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat ta' dawn il-partijiet terzi bil-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet rappreżentattivi, filwaqt li jiġu rispetttati d-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema tal-partijiet terzi u d-disponibbiltà tal-ikel u l-għalf ma tkunx f'riskju.*** |

**Emenda 29**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Sabiex jitnaqqas il-piż | (37) Sabiex jitnaqqas il-piż |

| | |
|---|---|
| amministrattiv għall-produtturi ta' karburanti rinnovabbli u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat u għall-Istati Membri, fejn skemi volontarji jew nazzjonali jkunu ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni bħall-għoti ta' evidenza jew l-għoti ta' data preċiża dwar il-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll rekwiżiti oħra stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw ir-riżultati taċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn skemi bħal dawn fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tal-Kummissjoni. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq installazzjonijiet żgħar, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' verifika ssimplifikat għall-installazzjonijiet ta' bejn 5 u ***10 MW***. | amministrattiv għall-produtturi ta' karburanti rinnovabbli u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat u għall-Istati Membri, fejn skemi volontarji jew nazzjonali jkunu ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni bħall-għoti ta' evidenza jew l-għoti ta' data preċiża dwar il-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll rekwiżiti oħra stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw ir-riżultati taċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn skemi bħal dawn fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tal-Kummissjoni. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq installazzjonijiet żgħar, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' verifika ssimplifikat għall-installazzjonijiet ta' bejn 5 u ***20 MW***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 45a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45a) Użu akbar tal-enerġija rinnovabbli jista' jżid ukoll is-sigurtà tal-enerġija u l-awtosuffiċjenza billi, fost oħrajn, inaqqas id-dipendenza fuq il-karburanti fossili. Madankollu, aktar tisħiħ u interkonnessjoni tas-sistema ta' trażmissjoni huma essenzjali għall-użu ġust u effiċjenti ta' din it-tranżizzjoni, sabiex il-benefiċċji li jirriżultaw jinfirxu b'mod uniformi mal-popolazzjoni tal-Unjoni u ma jwasslux għal faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 23

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-punt 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (23) "skart" tfisser ***skart*** kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE bl-esklużjoni ta' sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din id-definizzjoni; | "(23) "skart" tfisser ***kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmu jew ikun biħsiebu jew meħtieġ jarmi*** kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE ***u suġġett għal verifika u ċertifikazzjoni indipendenti tal-konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE jew programm kumparabbli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart,*** bl-esklużjoni ta' sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din id-definizzjoni"; |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 24

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-punt 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "(24) "bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll ***il-frazzjoni*** bijodegradabbli ***ta' skart***, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika;" | "(24) "bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ***solida u likwida*** ta' prodotti**, prodotti sekondarji**, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll ***skart*** bijodegradabbli, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika;" |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 26a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) "bijomassa primarja tal-injam" tfisser l-injam tond kollu mqaċċat jew maħsud u mneħħi b'xi mod ieħor. Dan jinkludi l-injam kollu miksub mit-tneħħija, jiġifieri, il-kwantitajiet imneħħija mill-foresti, inkluż l-injam irkuprat minħabba l-mortalità naturali u mit-tqaċċit u l-qtugħ tas-siġar għall-injam. Dan jinkludi l-injam kollu mneħħi bil-qoxra u mingħajrha, inkluż l-injam imneħħi fil-forma tonda tiegħu, jew maqsum, maqtugħ f'kaxxi jew f'xi forma oħra, eż, friegħi, għeruq, ġdur u għoqod (fejn dawn jinħasdu) u injam li jingħata forma raffa jew li jkun għall-ponta. Dan ma jinkludix bijomassa tal-injam miksuba minn miżuri sostenibbli ta' prevenzjoni ta' nirien f'żoni b'riskju għoli ta' nirien, u lanqas bijomassa tal-injam estratta minn foresti affettwati minn pesti jew mard attivi biex jiġi evitat it-tixrid tagħhom, filwaqt li tiġi mminimizzata l-estrazzjoni tal-injam u tiġi protetta d-diversità, li jirriżulta f'foresti aktar diversifikati u reżiljenti, u dan għandu jkun ibbażat fuq linji gwida mill-Kummissjoni.*** |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 26b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26b) "bijomassa sekondarja tal-injam" tfisser residwi mill-industrija bbażata fuq il-foresti, inklużi l-qxur, serratura, fdalijiet mill-qtugħ tas-siġar li jirriżultaw mill-issegar, u injam irkuprat minn wara l-konsumatur; dan jeskludi l-bijomassa primarja tal-injam, inkluż meta tiġi pproċessata f'ċipep, brikketti jew gerbub;"*** |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ikun ta' mill-inqas ***40 %***.," | "1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ikun ta' mill-inqas ***45 %***.," |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-enerġija mill-bijomassa tiġi prodotta b'mod li jimminimizza effetti distortivi bla bżonn fuq is-suq tal-materja prima tal-bijomassa u impatti dannużi fuq il-bijodiversità. Għal dak il-għan, huma għandhom ***iqisu l-ġerarkija*** tal-iskart kif | L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-enerġija mill-bijomassa tiġi prodotta b'mod ***sostenibbli*** li jimminimizza effetti distortivi bla bżonn fuq is-suq tal-materja prima tal-bijomassa u impatti dannużi fuq il-bijodiversità ***u l-ambjent jew il-klima fl-iskemi ta' appoġġ*** |

| | |
|---|---|
| stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju kaskata msemmi fit-tielet subparagrafu. | ***tagħhom***. Għal dak il-għan, huma għandhom ***jimplimentaw il-ġerarkija*** tal-iskart kif stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u ***jieħdu inkunsiderazzjoni*** l-prinċipju kaskata msemmi fit-tielet subparagrafu***, fejn jiżguraw l-ogħla użu materjali possibbli***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli prodotta mill-inċinerazzjoni tal-iskart jekk ma jkunux ġew irrispettati l-obbligi ta' ġbir separat stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE. | (ii) il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli prodotta mill-inċinerazzjoni tal-iskart jekk ma jkunux ġew irrispettati l-obbligi ta' ġbir separat ***u ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ*** stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) prattiki li ma humiex konformi mal-att ***delegat imsemmi*** fit-tielet subparagrafu. | (iii) prattiki li ma humiex konformi mal-att ***ta' implimentazzjoni msemmi*** fit-tielet subparagrafu. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) L-Istati Membri ma jistgħux jagħtu appoġġ ġdid lill-installazzjonijiet tal-bijoenerġija jekk dawn ma jkunux*** |

| | |
|---|---|
| | ***issottomettew Pjan Nazzjonali għall-Bijoenerġija flimkien mal-aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, kif imsemmi fil-punt (ba).*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Mill-31 ta' Diċembru 2026, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda appoġġ lill-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa ***tal-foresti*** f'installazzjonijiet tal-elettriku biss, sakemm tali elettriku ma jissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | (b) Mill-31 ta' Diċembru 2026, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda appoġġ lill-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa ***tal-injam*** f'installazzjonijiet tal-elettriku biss, sakemm tali elettriku ma jissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ***u jiġi prodott f'installazzjonijiet ta' kapaċità massima ta' 20 MW***: |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni Pjan Nazzjonali għall-Bijoenerġija flimkien mal-aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, u f'konformità mal-proċedura u mal-iskeda ta' żmien stabbiliti f'dak l-Artikolu. Il-Pjan*** |

| | |
|---|---|
| | ***Nazzjonali għall-Bijoenerġija għandu jinkludi:*** |
| | ***(i) valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-provvista tal-bijomassa tal-foresti disponibbli għal finijiet ta' enerġija f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***(ii) valutazzjoni tal-kumpatibbiltà tal-bijomassa tal-foresti użata għal finijiet ta' enerġija bit-trajettorja indikattiva għall-kontribut ta' kategoriji differenti ta' enerġija lejn il-miri nazzjonali fir-Regolament 2018/841;*** |
| | ***(iii) valutazzjoni tal-impatti tal-bijomassa tal-foresti użata għal finijiet ta' enerġija fuq il-bijodiversità u l-ħamrija.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt bb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan Nazzjonali għall-Bijoenerġija. Meta twettaq din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet jew tfittex informazzjoni addizzjonali u tista' titlob lil Stat Membru jirrevedi l-Pjan jekk meħtieġ, inkluż wara s-sottomissjoni tal-Pjan. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan fir-rigward tal-kompletezza, tal-konsistenza u tal-koerenza tiegħu:*** |
| | ***(i) mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;*** |
| | ***(ii) mal-miri nazzjonali dwar it-tkabbir tal-bjar tal-karbonju kif iddefinit fir-Regolament 2018/841 rivedut.*** |

***Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)***

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt bc (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) Kull Pjan Nazzjonali għall-Bijoenerġija għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni.*** |

*(Direttiva (UE) 2018/2001)*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn sena wara [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tadotta att ***delegat f'konformità mal-Artikolu 35*** dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju kaskata għall-bijomassa, ***b'mod partikolari dwar kif għandu jiġi mminimizzat l-użu ta' injam tond ta' kwalità għall-produzzjoni*** tal-enerġija, b'enfasi fuq skemi ta' appoġġ u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ispeċifiċitajiet nazzjonali. | Mhux aktar tard minn sena wara [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju kaskata għall-bijomassa ***sabiex il-bijomassa kollha tintuża skont l-ogħla valur miżjud ambjentali u ekonomiku tagħha***, ***filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-volumi disponibbli ta' materja prima u s-sehem ta' użi industrijali preeżistenti f'kompetizzjoni, għajr l-irkupru*** tal-enerġija, b'enfasi fuq skemi ta' appoġġ u |

| | |
|---|---|
| | b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ispeċifiċitajiet nazzjonali***, kif ukoll għad-disturbi naturali bħan-nirien naturali, il-pesti u l-mard***. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-impatt tal-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijomassa, inkluż dwar il-bijodiversità u d-distorsjonijiet possibbli tas-suq, u se tivvaluta l-possibbiltà għal aktar ***limitazzjonijiet*** fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ ***għall-bijomassa tal-foresti***.; | Sal-2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-impatt tal-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijomassa, inkluż dwar il-bijodiversità ***u l-ambjent*** u d-distorsjonijiet possibbli tas-suq, u se tivvaluta l-possibbiltà għal aktar ***miżuri*** fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ ***u inċentivi oħra biex tintuża l-bijomassa tal-injam għall-enerġija***.; |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 4a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4a. ***L-Istati Membri*** għandhom jistabbilixxu qafas, li jista' jinkludi skemi ta' appoġġ u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, li jippermettu l-użu tal-elettriku rinnovabbli għal livell li jkun konsistenti mal-kontribuzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 2 u b'pass li jkun konsistenti mat-trajettorji indikattivi msemmija fl-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999. B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi ***dawk relatati mal-proċeduri*** għall-għoti ta' permessi, għal livell għoli ta' provvista tal-elettriku | 4a. ***F'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" kif iddefinit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri*** għandhom jistabbilixxu qafas, li jista' jinkludi skemi ta' appoġġ u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, li jippermettu l-użu tal-elettriku rinnovabbli għal livell li jkun konsistenti mal-kontribuzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 2 u b'pass li jkun konsistenti mat-trajettorji indikattivi msemmija fl-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999. B'mod |

| | |
|---|---|
| rinnovabbli. Meta jfasslu dak il-qafas, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elettriku rinnovabbli addizzjonali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-binjiet u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.; | partikolari, dak il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal ***għal livell għoli ta' provvista tal-elettriku rinnovabbli***, inklużi ***miżuri biex jiġu aċċellerati u ssimplifikati l-proċeduri*** għall-għoti ta' permessi, għal livell għoli ta' provvista tal-elettriku rinnovabbli***, u għandu jiżgura sinjali tal-prezz fit-tul għal deċiżjonijiet ta' investiment, inklużi investimenti fl-adegwatezza, l-istabbiltà u l-flessibbiltà tas-sistema permezz ta' proċess ta' offerti kompetittiv, trasparenti u mhux diskriminatorju, li jipprevedu remunerazzjoni tar-riċevituri rebbieħa abbażi tal-prezzijiet tas-suq***. Meta jfasslu dak il-qafas, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elettriku rinnovabbli addizzjonali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-binjiet u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-enerġija ambjentali u ġeotermali li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' pompi tas-sħana u sistemi ta' tkessiħ distrettwali għandha titqies għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dment li l-output finali tal-enerġija jisboq sew l-input ta' enerġija primarja meħtieġ biex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin. Il-kwantità ta' sħana jew kesħa li għandha tiġi meqjusa bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandha tiġi kkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII u għandha tqis l-użu tal-enerġija fis-setturi ta' | "L-enerġija ambjentali u ġeotermali li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' pompi tas-sħana u sistemi ta' tkessiħ distrettwali għandha titqies għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ***bl-użu ta' multiplikatur ta' mill-inqas 3 sabiex tiġi riflessa s-sħana ambjentali u ġeotermali b'effiċjenza ogħla bi tqabbil mas-sħana mill-kombustjoni***, dment li l-output finali tal-enerġija jisboq sew l-input ta' enerġija primarja meħtieġ biex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin. Il-kwantità ta' sħana jew kesħa li għandha tiġi meqjusa bħala enerġija minn sorsi |

| | |
|---|---|
| użu aħħari kollha. | rinnovabbli għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandha tiġi kkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII u għandha tqis l-użu tal-enerġija fis-setturi ta' użu aħħari kollha." |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 9 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, kull Stat Membru għandu jaqbel li jistabbilixxi mill-anqas proġett konġunt wieħed ma' Stat Membru wieħed jew aktar għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'tali ftehim, inkluż id-data li fiha l-proġett ikun mistenni li jsir operazzjonali. Il-proġetti ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294[25] għandhom jitqiesu li jissodisfaw dan l-obbligu għall-Istati Membri involuti."; | 1a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, kull Stat Membru għandu jaqbel li jistabbilixxi mill-anqas proġett konġunt wieħed ***u sal-2030 mill-inqas tliet proġetti konġunti*** ma' Stat Membru wieħed jew aktar għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'tali ftehim, inkluż id-data li fiha l-proġett ikun mistenni li jsir operazzjonali. Il-proġetti ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294[25]***,jew bl-użu tal-istrument tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej biex jiġu ffinanzjati skemi ta' sussidju u proġetti għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli,*** għandhom jitqiesu li jissodisfaw dan l-obbligu għall-Istati Membri involuti."; |
| [25] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1). | [25] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1). |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 9 – paragrafu 7c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) jiżdied il-paragrafu 7c li ġej:*** |
| | ***"(7c) Sabiex titnaqqas il-kumplessità, biex jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza u biex jiġi megħjun it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jkun hemm punt uniku ta' kuntatt ("punt uniku ta' servizz") għal kull kuritur prijoritarju ta' grilja fil-baħar, li jiffaċilita l-proċess ta' għoti ta' permessi għall-proġetti ta' enerġija tal-baħar ta' interess komuni."*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt -a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (d) proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas ta' xkiel, inkluża proċedura ta' notifika sempliċi, huma stabbiliti għal strumenti deċentralizzati, għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. | "(d) proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas ta' xkiel, inkluża proċedura ta' notifika sempliċi ***u punti uniċi ta' kuntatt***, huma stabbiliti għal strumenti deċentralizzati, għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli." |

*(Direttiva 2018/2001)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Sa ***sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja, il-Kummissjoni għandha ***tirrieżamina, u fejn xieraq, tipproponi modifiki għar-regoli*** dwar il-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17 ***u l-applikazzjoni tagħhom, u tista' tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom.;*** | 9. Sa ***sitt xhur*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja, il-Kummissjoni għandha ***toħroġ linji gwida lill-Gvernijiet nazzjonali dwar il-prattiki ta' għoti ta' permessi biex taċċellera u tissimplifika l-proċess għal proġetti ġodda u enerġizzati mill-ġdid. Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu implimentati u applikati r-regoli*** dwar il-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17***, flimkien ma' sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjoni u monitoraġġ trasparenti kemm tal-progress kif ukoll tal-effettività. Din il-gwida għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar ir-riżorsi umani u diġitali tal-awtoritajiet li jagħtu l-permessi, il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali u l-oqsma protetti skont id-dritt tal-Unjoni, punti ta' kuntatt uniċi effettivi, ippjanar spazjali, limitazzjonijiet tal-avjazzjoni militari u ċivili, proċeduri tal-qorti u kawżi ta' riżoluzzjoni u medjazzjoni ċivili, fost affarijiet oħra.;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt da (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiżdied il-paragrafu 9a li ġej:*** |

*"9a. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw valutazzjoni tal-proċess ta' għoti ta' permessi tagħhom, kif ukoll tal-miżuri għal titjib li għandhom jittieħdu, f'konformità mal-linji gwida fil-pjan nazzjonali integrat aġġornat għall-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/199, f'konformità mal-proċedura u l-iskeda ta' żmien stabbiliti f'dak l-Artikolu.";*

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt db (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 9b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) jiżdied il-paragrafu 9b li ġej:*** |
| | ***"9b. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jiżviluppaw proċessi ta' ppjanar strateġiku biex jidentifikaw art disponibbli biex iniedu proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari art degradata u art disponibbli għal bosta użi, bħal raba' u korpi tal-ilma interni fejn ikunu jistgħu jitniedu proġetti tal-enerġija rinnovabbli.";*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt dc (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 9c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) jiżdied il-paragrafu 9c li ġej:*** |
| | ***"9c. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżuri għat-titjib u tagħti punteġġi lill-KPIs tal-Istati Membri. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-*** |

***dispożizzjoni tal-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi inċentivi għall-Istati Membri li jiksbu punteġġ ogħla f'konformità mal-valutazzjoni tal-KPIs, inkluż aċċess prijoritarju għall-fondi tal-Unjoni ddedikati għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.";***

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt dd (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15 – paragrafu 9d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(dd) jiżdied il-paragrafu 9d li ġej:*** |
| | ***"9d L-Istati Membri għandhom jadottaw ippjanar strateġiku għall-iżviluppi ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli li jipprijoritizzaw l-użu ta' żoni disponibbli b'sensittività ekoloġika baxxa, u jevitaw li jużaw żoni strettament protetti għall-iżviluppi tal-enerġija, billi dawn iż-żoni huma strumenti fundamentali biex jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità.";*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Sabiex jiġu promossi l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira indikattiva għas-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tal-bini tagħhom fl-2030 li tkun konsistenti ma' mira indikattiva ta' sehem ta' mill-anqas | 1. Sabiex jiġu promossi l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira indikattiva għas-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***fuq il-post jew qrib jew konnessi ma' sorsi ta' enerġija rinnovabbli*** fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tal-bini tagħhom fl-2030 |

| | |
|---|---|
| 49 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini fil-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030. Il-mira nazzjonali għandha tiġi espressa f'termini ta' sehem mill-konsum finali nazzjonali tal-enerġija u għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-mira tagħhom fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 kif ukoll informazzjoni dwar kif qed jippjanaw li jilħquha. | li tkun konsistenti ma' mira indikattiva ta' sehem ta' mill-anqas 49 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini fil-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030. Il-mira nazzjonali għandha tiġi espressa f'termini ta' sehem mill-konsum finali nazzjonali tal-enerġija u għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-mira tagħhom fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 kif ukoll informazzjoni dwar kif qed jippjanaw li jilħquha ***ggwidati, fost affarijiet oħra, mill-prinċipju tal-kosteffettività***. |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri fir-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom, biex iżidu s-sehem tal-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli fl-istokk tal-bini, inklużi miżuri nazzjonali relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija lokali, flimkien mat-titjib fl-effiċjenza enerġetika relatat mal-koġenerazzjoni u mal-binjiet passivi, b'enerġija kważi żero u b'enerġija żero. | L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri fir-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom, biex iżidu s-sehem tal-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli fl-istokk tal-bini, inklużi miżuri nazzjonali relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli***, il-kondiviżjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli*** u l-ħżin tal-enerġija lokali, flimkien mat-titjib fl-effiċjenza enerġetika relatat mal-koġenerazzjoni u mal-binjiet passivi, b'enerġija kważi żero u b'enerġija żero ***u bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri, fir-regolamenti u fil-kodiċijiet tagħhom dwar il-bini u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom jew b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, għandhom jirrikjedu l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-binjiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/31/UE. L-Istati Membri għandhom jippermettu li dawk il-livelli minimi jiġu ssodisfati, fost l-oħrajn, permezz ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti. | Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri, fir-regolamenti u fil-kodiċijiet tagħhom dwar il-bini u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom jew b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, għandhom jirrikjedu ***f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" kif iddefinit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999,*** l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-binjiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/31/UE. L-Istati Membri għandhom jippermettu li dawk il-livelli minimi jiġu ssodisfati, fost l-oħrajn, permezz ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti. |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-binjiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, jissodisfaw rwol eżemplari fir-rigward tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli użata, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE. L-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jippermettu li dak l-obbligu jiġi ssodisfat billi jipprevedu li s-soqfa ta' binjiet pubbliċi jew pubbliċi privati mħallata jintużaw minn partijiet terzi għal installazzjonijiet li jipproduċu | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-binjiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, jissodisfaw rwol eżemplari fir-rigward tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli użata, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE. L-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jippermettu li dak l-obbligu jiġi ssodisfat billi jipprevedu li s-soqfa ***u superfiċji u sottosuperfiċji utli oħra*** ta' binjiet pubbliċi jew pubbliċi privati mħallata jintużaw minn partijiet terzi għal installazzjonijiet li jipproduċu |

| | |
|---|---|
| enerġija minn sorsi rinnovabbli. | enerġija minn sorsi rinnovabbli. ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jappoġġaw kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 15a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu ***ta' sistemi*** u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-miżuri, l-għodod u l-inċentivi xierqa kollha, inklużi, fost l-oħrajn, it-tikketti tal-enerġija żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva 2010/31/UE, jew ċertifikati jew standards xierqa oħra żviluppati fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, u għandhom jiżguraw l-għoti ta' informazzjoni u pariri adegwati dwar alternattivi rinnovabbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija kif ukoll dwar l-istrumenti u l-inċentivi finanzjarji disponibbli għall-promozzjoni ta' rata ta' sostituzzjoni akbar ta' sistemi ta' tisħin antiki u bidla akbar għal soluzzjonijiet ibbażati fuq l-enerġija rinnovabbli.; | 4. Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1 ***u biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni effiċjenti tiegħu***, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu ***tas-sistemi*** u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli ***l-aktar sostenibbli u effiċjenti fl-enerġija għall-kuntest lokali partikolari, inklużi sistemi u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ elettrifikati intelliġenti u bbażati fuq sorsi rinnovabbli, u bl-inklużjoni tat-teknoloġiji innovattivi***. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-miżuri, l-għodod u l-inċentivi xierqa kollha, inklużi, fost l-oħrajn, it-tikketti tal-enerġija żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva 2010/31/UE, jew ċertifikati jew standards xierqa oħra żviluppati fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, u għandhom jiżguraw l-għoti ta' informazzjoni u pariri adegwati dwar alternattivi rinnovabbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija kif ukoll dwar l-istrumenti u l-inċentivi finanzjarji disponibbli għall-promozzjoni ta' rata ta' sostituzzjoni akbar ta' sistemi ta' tisħin antiki u bidla akbar għal soluzzjonijiet ibbażati fuq l-enerġija rinnovabbli.; |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 20a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ***u*** l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku fornut f'kull żona tal-offerti, bl-aktar mod preċiż possibbli u qrib il-ħin reali kemm jista' jkun iżda f'intervalli ta' ħin ta' mhux aktar minn siegħa, bit-tbassir fejn disponibbli. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'mod diġitali b'mod li jiżgura li tkun tista' tintuża mill-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, mill-aggregaturi, mill-konsumaturi u mill-utenti finali, u li tista' tinqara b'apparati ta' komunikazzjoni elettronika bħas-sistemi ta' kejl intelliġenti, il-punti tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi, is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija tal-binjiet. | 1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ***jew*** l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku fornut f'kull żona tal-offerti, bl-aktar mod preċiż possibbli u qrib il-ħin reali kemm jista' jkun iżda f'intervalli ta' ħin ta' mhux aktar minn siegħa, bit-tbassir fejn disponibbli. ***L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jassistu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa, f'każ li l-operatur tat-trażmissjoni ma jkollux aċċess, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, għall-informazzjoni kollha meħtieġa***. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'mod diġitali b'mod li jiżgura li tkun tista' tintuża mill-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, mill-aggregaturi, mill-konsumaturi u mill-utenti finali, u li tista' tinqara b'apparati ta' komunikazzjoni elettronika bħas-sistemi ta' kejl intelliġenti, il-punti tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi, is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija tal-binjiet. |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 20a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minbarra r-rekwiżiti fi [il-proposta għal | Minbarra r-rekwiżiti fi [il-proposta għal |

| | |
|---|---|
| Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi ta' batteriji domestiċi u industrijali jippermettu aċċess f'ħin reali għal informazzjoni bażika dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-batteriji, inkluż il-kapaċità tal-batteriji, l-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ u s-set point tal-potenza, lis-sidien u lill-utenti tal-batteriji kif ukoll lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, bħall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-enerġija tal-binjiet u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas. | Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi ta' batteriji domestiċi u industrijali jippermettu***, b'mod trasparenti,*** aċċess f'ħin reali għal informazzjoni bażika dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-batteriji, inkluż il-kapaċità tal-batteriji, l-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ u s-set point tal-potenza, lis-sidien u lill-utenti tal-batteriji kif ukoll lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, bħall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-enerġija tal-binjiet u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas. |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 20a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi tal-vetturi jagħmlu disponibbli, f'ħin reali, data fil-vettura relatata mal-istat tas-saħħa tal-batterija, mal-istat taċ-ċarġ tal-batterija, mal-valur programmat tal-enerġija tal-batterija, mal-kapaċità tal-batterija, kif ukoll mal-post tal-vetturi elettriċi għas-sidien u għall-utenti tal-vetturi elettriċi, kif ukoll għall-partijiet terzi li jaġixxu f'isem is-sidien u l-utenti, bħall-parteċipanti fis-suq tal-elettriku u l-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà, skont termini mhux diskriminatorji u bla ebda ħlas, minbarra rekwiżiti ulterjuri fir-regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi tal-vetturi jagħmlu disponibbli, ***b'mod trasparenti u*** f'ħin reali, data fil-vettura relatata mal-istat tas-saħħa tal-batterija, mal-istat taċ-ċarġ tal-batterija, mal-valur programmat tal-enerġija tal-batterija, mal-kapaċità tal-batterija, kif ukoll mal-post tal-vetturi elettriċi għas-sidien u għall-utenti tal-vetturi elettriċi, kif ukoll għall-partijiet terzi li jaġixxu f'isem is-sidien u l-utenti, bħall-parteċipanti fis-suq tal-elettriku u l-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà, skont termini mhux diskriminatorji u bla ebda ħlas, minbarra rekwiżiti ulterjuri fir-regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq. |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 20a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali ma jiddiskriminax kontra l-parteċipazzjoni fis-swieq tal-elettriku, inkluż il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar, ta' sistemi żgħar jew mobbli bħall-batteriji domestiċi ***u l-vetturi*** elettriċi, kemm direttament kif ukoll permezz tal-aggregazzjoni.***;*** | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali ma jiddiskriminax kontra l-parteċipazzjoni fis-swieq tal-elettriku, inkluż il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar ***ta' networks ta' tisħin u tkessiħ distrettwali***, ta' sistemi żgħar jew mobbli bħall-batteriji domestiċi***, vetturi*** elettriċi, ***unitajiet ta' ħżin tal-enerġija termali u apparat elettrodomestiku u sistemi ta' tisħin u tkessiħ intelliġenti, kif ukoll apparat intelliġenti ieħor li jiffaċilita l-konsum flessibbli tal-elettriku rinnovabbli mill-konsumaturi,*** kemm direttament kif ukoll permezz tal-aggregazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi iżgħar tas-suq, b'mod partikolari l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sabiex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq mingħajr ma jiffaċċaw piż amministrattiv jew regolatorju sproporzjonat.*** |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 22a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ***iżidu*** s-sehem tas-sorsi rinnovabbli fl-ammont ta' sorsi ta' enerġija użati għall-finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fis-settur tal-industrija b'żieda annwali medja indikattiva ta' 1,1 punti perċentwali sal-2030. | L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ***jippromwovu l-elettrifikazzjoni u jżidu*** s-sehem tas-sorsi rinnovabbli fl-ammont ta' sorsi ta' enerġija użati għall-finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fis-settur tal-industrija b'żieda annwali medja indikattiva ta' 1,1 punti perċentwali sal-2030. |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 22a – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-kontribut*** ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali għandu jkun ta' 50 % tal-idroġenu użat għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fl-industrija ***sal-2030***. Ir-regoli li ġejjin għandhom jintużaw biex jiġi kkalkulat dak il-perċentwal: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, sal-2030, il-kontribut*** ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali għandu jkun ta' 50 % tal-idroġenu użat għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fl-industrija ***b'temperaturi għoljin li diffiċli jitrażżnu, fis-setturi tal-avjazzjoni u t-tbaħħir fejn l-elettrifikazzjoni mhijiex soluzzjoni fattibbli***. Ir-regoli li ġejjin għandhom jintużaw biex jiġi kkalkulat dak il-perċentwal: |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001

Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kull Stat Membru għandu jżid is-sehem ta' enerġija rinnovabbli f'dak is-settur b'mill-anqas ***1,1*** punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodi 2021-2025 u 2026-2030, billi jibda mis-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7. | Sabiex jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kull Stat Membru għandu jżid is-sehem ta' enerġija rinnovabbli f'dak is-settur b'mill-anqas ***2*** punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodi 2021-2025 u 2026-2030, billi jibda mis-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7. |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ inkluż***, fejn xieraq,*** analiżi taż-żoni adatti għall-użu tagħhom f'riskju ekoloġiku baxx u tal-potenzjal għal proġetti domestiċi fuq skala żgħira. Il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi stadji importanti u miżuri biex jiżdiedu s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ u, fejn xieraq, l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija permezz tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bil-għan li tiġi stabbilita strateġija nazzjonali fit-tul għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ. Il-valutazzjoni għandha tkun parti mill- | 1a. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ inkluż analiżi taż-żoni adatti għall-użu tagħhom f'riskju ekoloġiku baxx***, speċjalment b'rabta ma' sorsi tal-ilma tax-xorb,*** u tal-potenzjal għal proġetti domestiċi fuq skala żgħira***, u għandhom jipproduċu mappa dettaljata ta' dawk iż-żoni biex isaħħu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali***. Il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi stadji importanti u miżuri biex jiżdiedu s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ u, fejn xieraq, l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija permezz tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bil-għan li tiġi |

pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għandha takkumpanja l-valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ meħtieġa mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.;

stabbilita strateġija nazzjonali fit-tul għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ. Il-valutazzjoni għandha ***tuża d-data tal-kejl stabbilit f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fir-rigward tal-PM 2,5 b'mod partikolari. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom iħejju mappa b'kodiċi tal-kulur taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet tagħhom, filwaqt li jistabbilixxu żoni fejn ċertu tip ta' sorsi rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ jistgħu joħolqu spejjeż sproporzjonati, biex jiġi żgurat li l-konċentrazzjonijiet ta' PM 2,5 fl-arja ambjentali ma jaqbżux il-valur fil-mira. F'dawn iż-żoni, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali ma għandhomx ikunu bbażati fuq is-sorsi rinnovabbli rispettivi. Il-valutazzjoni għandha*** tkun parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għandha takkumpanja l-valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ meħtieġa mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.;

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 1a – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali b'popolazzjoni urbana akbar minn 20,000 abitant jew b'popolazzjoni rurali akbar minn 5,000 abitant iħejju pjanijiet lokali għat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, filwaqt li jiddeskrivu kull rekwiżit tal-infrastruttura.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll l-appoġġ tal-Fond stabbilit skont [ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-*** |

| | |
|---|---|
| | *Klima] biex jiffinanzjaw dawn il-pjanijiet.* |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt cb (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu 1a li ġej:*** |
| | ***"F'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' assistenza teknika, inklużi punti uniċi ta' kuntatt, li fil-mira tagħhom ikollhom l-atturi involuti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini flimkien ma' rinnovazzjonijiet u sostituzzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli, inklużi sidien tad-djar u fatturi amministrattivi, finanzjarji u ekonomiċi, li jinkludu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.;"*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna fil-binjiet***, jew*** l-użu ta' enerġija rinnovabbli jew sħana u kesħa mormija fi proċessi ta' tisħin u tkessiħ industrijali; | (b) l-installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna fil-binjiet***u*** l-użu ta' enerġija rinnovabbli jew sħana u kesħa mormija fi proċessi ta' tisħin u tkessiħ industrijali; |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d**

Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex jippjanaw ***u*** jimplimentaw proġetti u infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli; | (d) il-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet nazzjonali***, reġjonali*** u lokali biex ***jimmappjaw il-potenzjal lokali għat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli,*** jippjanaw***,*** jimplimentaw ***u jagħtu parir dwar*** proġetti u infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli; |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tas-sħana għal konsumaturi żgħar korporattivi u kollettivi; | (f) il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tas-sħana ***u l-kesħa rinnovabbli*** għal konsumaturi żgħar korporattivi u kollettivi***, inklużi l-SMEs***; |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) skemi ta' sostituzzjoni ***ppjanati*** tas-sistemi tat-tisħin bil-karburanti fossili ***jew*** skemi ta' eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili bi stadji importanti; | (g) ***introduzzjoni u/jew aċċellerazzjoni ta'*** skemi ta' sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin bil-karburanti fossili ***u*** skemi ta' eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili bi stadji importanti; |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jadottaw u jimplimentaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli, li kieku ma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem biex jibbenefikaw.***;*** | Meta jadottaw u jimplimentaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli, li kieku ma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem biex jibbenefikaw ***minn soluzzjonijiet effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli***. ***Biex tkompli tissimplifika l-adozzjoni ta' miżuri rilevanti, il-Kummissjoni għandha, sa ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], toħroġ linji gwida armonizzati dwar it-tfassil u t-tħaddim ta' ftehimiet għax-xiri tas-sħana, iżda mhux limitati għalihom*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt -a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 24 – paragrafu 1 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) jiddaħħal il-paragrafu -1 li ġej:*** |
| | ***"-1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u r-rinnovazzjoni tan-networks eżistenti ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli distrettwali alimentati esklużivament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sħana jew kesħa residwa, wara analiżi ekonomika u ambjentali tal-ispejjeż u l-benefiċċji pożittiva mwettqa bi sħubija mal-awtoritajiet lokali involuti";*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 24 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sehem ta' enerġija ***rinnovabbli*** fis-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali tagħhom tingħata b'mod faċli u aċċessibbli lill-konsumaturi finali, ***bħal*** fuq kontijiet ***jew*** fuq ***is-siti web*** tal-fornituri ***u fuq talba***. L-informazzjoni dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli għandha tiġi espressa mill-anqas bħala perċentwal tal-konsum finali gross tat-tisħin u t-tkessiħ assenjat lill-klijenti ta' sistema partikolari ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, inkluż l-informazzjoni dwar kemm intużat enerġija biex tiġi kkonsenjata unità waħda ta' tisħin lill-klijent jew lill-utent finali. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sehem ta' ***kull tip ta'*** enerġija ***u sħana residwa użata*** fis-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali tagħhom***, kif ukoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati,*** tingħata b'mod faċli u aċċessibbli lill-konsumaturi finali, ***mill-inqas*** fuq kontijiet ***u*** fuq ***is-sit web*** tal-fornituri. L-informazzjoni dwar is-sehem ***u t-tip*** tal-enerġija rinnovabbli għandha tiġi espressa mill-anqas bħala perċentwal tal-konsum finali gross tat-tisħin u t-tkessiħ assenjat lill-klijenti ta' sistema partikolari ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, inkluż l-informazzjoni dwar kemm intużat enerġija ***u sħana residwa*** biex tiġi kkonsenjata unità waħda ta' tisħin lill-klijent jew lill-utent finali. |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt e**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 24 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas li skontu l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-elettriku jivvalutaw mill-anqas kull ***erba' snin***, f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali fl-oqsma rispettivi tagħhom, il-potenzjal għas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li jipprovdu servizzi ta' bbilanċjar u servizzi ta' sistemi oħra, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin termali | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas li skontu l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-elettriku jivvalutaw mill-anqas kull ***sentejn***, f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali fl-oqsma rispettivi tagħhom, il-potenzjal għas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li jipprovdu servizzi ta' bbilanċjar u servizzi ta' sistemi oħra, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin termali |

| | |
|---|---|
| ta' elettriku żejjed minn sorsi rinnovabbli, u jekk l-użu tal-potenzjal identifikat ikunx aktar effiċjenti fir-riżorsi u aktar kosteffiċjenti mis-soluzzjonijiet alternattivi. | ta' elettriku żejjed minn sorsi rinnovabbli, u jekk l-użu tal-potenzjal identifikat ikunx aktar effiċjenti fir-riżorsi u aktar kosteffiċjenti mis-soluzzjonijiet alternattivi. ***Il-valutazzjoni għandha tqis bi prijorità alternattivi għall-iżvilupp tan-network f'konformità mal-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".*** |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt e**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 24 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-operaturi ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex jiżguraw li s-servizzi ta' bbilanċjar, ħżin u flessibbiltà oħra, bħar-rispons għad-domanda, ipprovduti mill-operaturi tas-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali, ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq tal-elettriku tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-operaturi ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex jiżguraw li s-servizzi ta' bbilanċjar, ħżin u flessibbiltà oħra, bħar-rispons għad-domanda, ipprovduti mill-operaturi tas-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali, ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq tal-elettriku tagħhom ***fuq bażi nondiskriminatorja***. |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-sehem ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja | (b) is-sehem ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja |

| | |
|---|---|
| prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport huwa mill-anqas 0,2 % fl-2022, 0,5 % fl-2025 u 2,2 % fl-2030, u s-sehem ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika huwa mill-anqas 2,6 % fl-2030. | prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport huwa mill-anqas 0,2 % fl-2022, 0,5 % fl-2025 u 2,2 % fl-2030, u s-sehem ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika huwa mill-anqas 2,6 % fl-2030.<br>***Il-fornituri tal-karburant għandhom jikkonsenjaw mill-inqas 0.8 % tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika lill-mezzi marittimi. Stat Membru li ma jkollhux portijiet marittimi fit-territorju tiegħu jista' jagħżel li ma japplikax din id-dispożizzjoni. Kwalunkwe Stat Membru li jkun biħsiebu juża dik id-deroga għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sena wara ... [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Kull bidla sussegwenti għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni wkoll.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jimponu l-obbligu msemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu biex jiżguraw l-ilħuq tal-miri stabbiliti fih, l-Istati Membri, fost affarijiet oħra, jistgħu jagħmlu dan permezz ta' miżuri mmirati lejn il-volumi, il-kontenut tal-enerġija jew l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, dment li jintwera li jinkisbu t-tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet serra u l-ishma minimi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**

Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 25 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu li jippermetti lill-fornituri tal-karburanti fit-territorju tagħhom jiskambjaw krediti għall-provvista ta' enerġija rinnovabbli lis-settur tat-trasport. L-operaturi ekonomiċi li jfornu elettriku rinnovabbli lil vetturi elettriċi permezz ta' stazzjonijiet pubbliċi tal-irriċarġjar għandhom jirċievu krediti, irrispettivament minn jekk l-operaturi ekonomiċi jkunux soġġetti għall-obbligu stabbilit mill-Istat Membru dwar il-fornituri tal-karburanti, u jistgħu jbigħu dawk il-krediti lill-fornituri tal-karburanti, li għandhom jitħallew jużaw il-krediti biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu."; | 2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu li jippermetti lill-fornituri tal-karburanti fit-territorju tagħhom jiskambjaw krediti għall-provvista ta' enerġija rinnovabbli lis-settur tat-trasport. L-operaturi ekonomiċi li jfornu elettriku rinnovabbli lil vetturi elettriċi***,*** permezz ta' stazzjonijiet pubbliċi tal-irriċarġjar***, u fejn ikun teknikament fattibbli, permezz ta' punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi,*** għandhom jirċievu krediti, irrispettivament minn jekk l-operaturi ekonomiċi jkunux soġġetti għall-obbligu stabbilit mill-Istat Membru dwar il-fornituri tal-karburanti, u jistgħu jbigħu dawk il-krediti lill-fornituri tal-karburanti, li għandhom jitħallew jużaw il-krediti biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu."; |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn jiġu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, ma għandux ikun aktar minn ***punt perċentwali wieħed ogħla mis-sehem*** ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija fis-settur tat-trasport fl-2020 f'dak l-Istat Membru***, b'massimu ta' 7 % ta' konsum finali tal-*** | Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn jiġu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf ***li mhumiex materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għalihom tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żoni ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju***, ma għandux ikun aktar minn |

| | |
|---|---|
| ***enerġija fis-settur tat-trasport f'dak l-Istat Membru***. | ***nofs is-sehem*** ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija fis-settur tat-trasport fl-2020 f'dak l-Istat Membru. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a – punt ia (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu, għall-finijiet tal-Artikolu 29(1) bejn tipi ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, b'kont meħud tal-aħjar evidenza disponibbli dwar l-impatt tal-bidla indiretta fl-użu tal-art. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistabbilixxu limitu aktar baxx għas-sehem minn bijokarburanti bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel taż-żejt. | "L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu, għall-finijiet tal-Artikolu 29(1) bejn tipi ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, b'kont meħud tal-aħjar evidenza disponibbli dwar l-impatt tal-bidla indiretta fl-użu tal-art ***u tal-prinċipju kaskata***. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistabbilixxu limitu aktar baxx għas-sehem minn bijokarburanti bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel taż-żejt." |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a – punt ii**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: | (ii) ***jitħassar*** ir-raba' subparagrafu. |
| ***Meta s-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf fi Stat Membru jkun limitat għal sehem ta' anqas minn 7 % jew Stat Membru jiddeċiedi li jillimita s-sehem aktar, dak l-Istat Membru jista' jnaqqas l-objettiv ta'*** | |

***tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), kif xieraq, fid-dawl tal-kontribut li dawn il-karburanti kienu jagħmlu f'termini tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu li dawk il-karburanti jiffrankaw 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.";***

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ba (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u s-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1) is-sehem ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju ma għandux jaqbeż il-livell ta' konsum ta' tali karburanti f'dak l-Istat Membru fl-2019***, sakemm ma jkunux iċċertifikati li huma bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art skont dan il-paragrafu***. | "2. Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u s-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1) is-sehem ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju ma għandux jaqbeż il-livell ta' konsum ta' tali karburanti f'dak l-Istat Membru fl-2019. |
| Mill-31 ta' Diċembru 2023 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030, dan il-limitu għandu jonqos gradwalment għal 0 %. | Sal-1 ta' Lulju 2023, dak il-limitu għandu jonqos għal 0 %. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għas-sojja u għall-prodotti sekondarji tagħha, kif ukoll għall-prodotti sekondarji tal-produzzjoni taż-żejt tal-palm. |
| Sal-1 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni | Sal-1 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni |

| | |
|---|---|
| għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistipula l-kriterji ***għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art u*** għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li għaliha jkun osservat li espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni tkun f'art b'ħażna għolja ta' karbonju. Ir-rapport u l-att delegat li jakkumpanjah għandom ikunu bbażati fuq l-aħjar data xjentifika disponibbli. | għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistipula l-kriterji għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li għaliha jkun osservat li espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni tkun f'art b'ħażna għolja ta' karbonju. Ir-rapport u l-att delegat li jakkumpanjah għandom ikunu bbażati fuq l-aħjar data xjentifika disponibbli. |
| Sal-1 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kriterji stipulati fl-atti delegati msemmija fir-raba' subparagrafu abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli u għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda tali kriterji, fejn xieraq, u biex tinkludi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut għall-mira tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1) u għas-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, prodotti minn materja prima, li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju. | ***Sal-1 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill aġġornament tar-rapport dwar l-istatus ta' espansjoni dinjija fil-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf rilevanti. Dan l-aġġornament irid jinkludi d-data l-aktar reċenti minn dawn l-aħħar sentejn rigward id-deforestazzjoni, b'mod partikolari fl-Amerka t'Isfel, u jrid jindirizza komoditajiet oħra b'riskju għoli fil-kategorija tal-materja prima b'riskju għoli ta' tibdil fl-użu tal-art, kif ukoll il-prodotti sekondarji tagħhom.*** |
| | ***Għall-finijiet tal-att delegat, il-Kummissjoni għandha tevalwa tnaqqis tas-soll fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament 2019/807 fir-rigward tas-sehem massimu tal-espansjoni annwali medja taż-żoni ta' produzzjoni globali f'ħażniet għolja ta' karbonju, f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika. Jekk ikun xieraq, għandha tiġi emendata kif xieraq il-lista ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil fl-użu tal-art.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) għall-elettriku rinnovabbli, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' elettriku rinnovabbli li jiġi pprovdut lill-modi kollha tat-trasport bil-komparatur tal-karburanti fossili ***$EC_{F(e)}$*** stabbilit fl-Anness V; | (iii) għall-elettriku rinnovabbli, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' elettriku rinnovabbli li jiġi pprovdut lill-modi kollha tat-trasport bil-komparatur tal-karburanti fossili ***EF(t)*** stabbilit fl-Anness V ***biex it-tnaqqis tal-emissjonijiet miksub jittieħed inkunsiderazzjoni kif xieraq***; ***L-Istati Membri li jimplimentaw il-mira għat-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet serra fl-Artikolu 25(1) permezz ta' mira nazzjonali għas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport għandhom jikkunsidraw li s-sehem tal-elettriku rinnovabbli huwa erba' darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tiegħu;*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-ishma ta' bijokarburanti u ta' bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fornuti fil-modi ta' avjazzjoni u marittimi għandhom jitqiesu bħala li huma ***1,2 darbiet*** tal-kontenut tal-enerġija tagħhom."; | (c) l-ishma ta' bijokarburanti u ta' bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fornuti fil-modi ta' avjazzjoni u marittimi***, inkluż għal vjaġġi lejn jew minn pajjiżi terzi,*** għandhom jitqiesu bħala li huma ***d-doppju*** tal-kontenut tal-enerġija tagħhom."; |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt ba (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 28 – paragrafu 6

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-25 ta' Ġunju 2019 u kull sentejn wara din id-data, ***il-Kummissjoni għandha*** il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX bil-ħsieb li żżid materja prima skont il-prinċipji stabbilita fit-tielet subparagrafu. | Sal-25 ta' Ġunju 2019 u kull sentejn wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX bil-ħsieb li żżid ***u tnaqqas*** materja prima skont il-prinċipji stabbilita fit-tielet subparagrafu. |
| Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX billi żżid materja prima***, iżda mhux biex tneħħiha***. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata biss b'teknoloġiji avvanzati għandha tiżdied mal-Parti A tal-Anness IX. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata f'bijokarburanti, jew f'bijogass għat-trasport, b'teknoloġiji maturi għandha tiżdied mal-Parti B tal-Anness IX. | Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX billi żżid ***jew tnaqqas*** materja prima. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata biss b'teknoloġiji avvanzati għandha tiżdied mal-Parti A tal-Anness IX. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata f'bijokarburanti, jew f'bijogass għat-trasport, b'teknoloġiji maturi għandha tiżdied mal-Parti B tal-Anness IX. |
| Tali atti delegati għandhom ikun ibbażat fuq analiżi tal-potenzjal tal-materja prima bħala materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijogass għat-trasport, b'kont meħud ta' dan li ġej kollu: | Tali atti delegati għandhom ikun ibbażat fuq analiżi tal-potenzjal tal-materja prima bħala materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijogass għat-trasport, b'kont meħud ta' dan li ġej kollu: |
| (a) il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE; | (a) il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE; |
| (b) il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7); | (b) il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7); |
| (c) il-ħtieġa li jiġu evitati effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi; | (c) il-ħtieġa li jiġu evitati effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi; |
| (d) il-potenzjal li jwassal għall-iffrankar sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla ma' karburanti fossili abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet; | (d) il-potenzjal li jwassal għall-iffrankar sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla ma' karburanti fossili abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet; |
| (e) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità; u | (e) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità; u |
| (f) il-ħtieġa li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda addizzjonali għall-art***.*** | (f) il-ħtieġa li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda addizzjonali għall-art***;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(g) il-prinċipju tas-sigurtà tal-investimenti, inklużi ċ-ċikli ta' investiment fl-Istati Membri.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ia (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) – fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-enerġija mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu biss jekk tissodisfa l-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10***:*** | "L-enerġija mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu biss jekk tissodisfa l-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10***, u jekk tirrispetta l-ġerarkija tal-iskart kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju kaskata msemmi fl-Artikolu 3;*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ia (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu 1a li ġej:*** |
| | ***"L-enerġija mill-karburanti mill-bijomassa ma għandhiex tiġi kkunsidrata għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu jekk dawn ikunu dderivati mill-bijomassa primarja tal-injam kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva";*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ib (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-iskart u r-residwi, minbarra r-residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akwakultura, is-sajd u l-forestrija, iridu jissodisfaw biss il-kriterju tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulat fil-paragrafu 10 sabiex jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ***ta' dan il-paragrafu***. Dan is-subparagrafu għandu japplika wkoll għal skart u residwi li huma l-ewwel ipproċessati fi prodott qabel ma jkomplu jiġu proċessati f'bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. | "Madankollu, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-iskart u r-residwi, minbarra r-residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akwakultura, is-sajd u l-forestrija, iridu jissodisfaw biss il-kriterju tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulat fil-paragrafu 10 sabiex jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu. ***Madankollu, f'każ ta' skart imħallat, l-operaturi huma meħtieġa japplikaw sistemi ta' separazzjoni tal-iskart imħallat ta' kwalità ddefinita, bl-għan li jitneħħew il-materjali fossili.*** Dan is-subparagrafu għandu japplika wkoll għal skart u residwi li huma l-ewwel ipproċessati fi prodott qabel ma jkomplu jiġu proċessati f'bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. |

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — (a) fil-każ ta' karburanti tal-bijomassa solida, f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' ***5*** MW jew aktar, | — (a) fil-każ ta' karburanti tal-bijomassa solida, f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' ***7.5*** MW jew aktar, |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii**
Direttiva (UE) 2018/2001

Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt c – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) aktar minn ***200*** m3 ta' ekwivalenti ta' metan/siegħa mkejjel f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u pressjoni (jiġifieri 0ºC u pressjoni atmosferika ta' 1 bar); | (i) aktar minn ***500*** m3 ta' ekwivalenti ta' metan/siegħa mkejjel f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u pressjoni (jiġifieri 0ºC u pressjoni atmosferika ta' 1 bar); |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ab (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-bijokarburanti, bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità, jiġifieri art li kellha wieħed mill-istati li ġejjin fi jew wara Jannar 2008, kemm jekk l-art għad għandha dan l-istatus u kemm jekk le: | Il-bijokarburanti, bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità, jiġifieri art li kellha wieħed mill-istati li ġejjin fi jew wara Jannar 2008, kemm jekk l-art għad għandha dan l-istatus u kemm jekk le: |
| (a) foresta primarja u art oħra bis-siġar, jiġifieri foresta u art oħra bis-siġar ta' speċi nattivi, fejn m'hemmx indikazzjoni ċarament viżibbli ta' attività tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumiex disturbati b'mod sinifikanti; | (a) foresta primarja ***u qadima*** u art oħra bis-siġar, jiġifieri foresta u art oħra bis-siġar ta' speċi nattivi, fejn m'hemmx indikazzjoni ċarament viżibbli ta' attività tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumiex disturbati b'mod sinifikanti; |
| (b) foresta b'bijodiversità għolja u art imsaġġra oħra rikka fl-ispeċijiet u mhux degradata, ***jew*** li tkun ġiet identifikata bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' dawk il-finijiet tal-ħarsien tan-natura; | (b) foresta b'bijodiversità għolja u art imsaġġra oħra rikka fl-ispeċijiet u mhux degradata, ***u*** li tkun ġiet identifikata bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' dawk il-finijiet tal-ħarsien tan-natura; |
| (c) żoni deżinjati: | (c) żoni deżinjati: |
| (i) mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' ħarsien tan-natura; jew | (i) mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' ħarsien tan-natura; jew |

| | |
|---|---|
| (ii) għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċi rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu li huma rikonoxxuti minn strumenti ta' ftehim internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, soġġett għar-rikonoxximent tagħhom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(4); sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura; | (ii) għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċi rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu li huma rikonoxxuti minn strumenti ta' ftehim internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, soġġett għar-rikonoxximent tagħhom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(4); sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura; |
| (d) bur b'bijodiversità għolja ta' aktar minn ettaru li huwa: | (d) bur b'bijodiversità għolja ta' aktar minn ettaru li huwa: |
| (i) naturali, jiġifieri bur li ser jibqa' bur fin-nuqqas ta' intervent tal-bniedem u li jżomm il-kompożizzjoni tal-ispeċi naturali u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi; jew | (i) naturali, jiġifieri bur li ser jibqa' bur fin-nuqqas ta' intervent tal-bniedem u li jżomm il-kompożizzjoni tal-ispeċi naturali u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi; jew |
| (ii) mhux naturali, jiġifieri bur li mingħajr l-intervent tal-bniedem ma jibqax bur u li huwa rikk fl-ispeċijiet u mhux degradat u li ġie identifikat bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad tal-materja prima jkun meħtieġ biex jinżamm l-istatus tiegħu ta' bur ta' bijodiversità għolja. | (ii) mhux naturali, jiġifieri bur li mingħajr l-intervent tal-bniedem ma jibqax bur u li huwa rikk fl-ispeċijiet u mhux degradat u li ġie identifikat bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad tal-materja prima jkun meħtieġ biex jinżamm l-istatus tiegħu ta' bur ta' bijodiversità għolja. |
| | ***(iii) xagħri li jżomm il-kompożizzjoni naturali tal-ispeċijiet u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi.***" |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ca (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | **(ca)** ***– fil-paragrafu 4, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l- | "Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l- |

| | |
|---|---|
| karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju, jiġifieri art li kellha waħda mill-istati li ġejjin f'Jannar 2008 u li m'għadx għandha dak l-istatus: | karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju, jiġifieri art li kellha waħda mill-istati li ġejjin f'Jannar 2008 u li m'għadx għandha dak l-istatus: |
| (a) artijiet mistagħdra, jiġifieri art li hija miksija bi jew saturata bl-ilma permanentement jew għal parti sinifikanti tas-sena; | (a) artijiet mistagħdra, jiġifieri art li hija miksija bi jew saturata bl-ilma permanentement jew għal parti sinifikanti tas-sena; |
| (b) żoni kontinwament ifforestati, jiġifieri art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' aktar minn 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawk il-limiti in situ; | (b) żoni kontinwament ifforestati, jiġifieri art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' aktar minn 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawk il-limiti in situ; |
| (c) art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' bejn 10 % u 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-ħażna ta' karbonju taż-żona qabel u wara l-konverżjoni hija tali li, meta tiġi applikata l-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfatti. | (c) art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' bejn 10 % u 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-ħażna ta' karbonju taż-żona qabel u wara l-konverżjoni hija tali li, meta tiġi applikata l-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfatti. |
| | ***(ca) xagħri li jżomm il-kompożizzjoni naturali tal-ispeċijiet u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi.*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola jew tal-foresti ikkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il- | 5. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola jew tal-foresti ikkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il- |

| | |
|---|---|
| punti (a), (b) u (c), ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art li f'Jannar 2008 kienet torbiera, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li turi li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma jinvolvux id-drenaġġ ta' ħamrija li qabel ma jkunx sarilha drenaġġ.; | punti (a), (b) u (c), ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art li f'Jannar 2008 kienet torbiera, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li turi li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma jinvolvux id-drenaġġ ta' ħamrija li qabel ma jkunx sarilha drenaġġ ***u l-konformità fl-livell nazzjonali jew subnazzjonali, f'konformità mal-kriterji biex jiġi mminimizzat ir-riskju li tintuża bijomassa tal-foresti dderivata minn produzzjoni mhux sostenibbli msemmija fil-paragrafu 6, tkun tista' tiġi rrappurtata mill-awtorità nazzjonali kompetenti***.; |

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt da (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 5a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiddaħħal il-paragrafu 5a:*** |
| | ***"5a. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn pajjiż li mhuwiex Firmatarju tal-Ftehim ta' Pariġi";*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt db (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*** |
| Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill- | "Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill- |

| | |
|---|---|
| bijomassa forestali kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' użu tal-bijomassa ***forestali*** li ġejja minn produzzjoni mhux sostenibbli: | bijomassa forestali kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ***ma għandhomx ikunu dderivati mill-bijomassa primarja tal-injam, għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-ġerarkija tal-iskart kif stipulata fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, jieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipju kaskata msemmi fl-Artikolu 3, u*** għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' użu tal-bijomassa ***tal-injam*** li ġejja minn produzzjoni mhux sostenibbli: |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt eb (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a – punt iii

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) fil-paragrafu 6, is-subparagrafu 1, il-punt (a), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (iii) żoni deżinjati mil-liġijiet internazzjonali jew nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' konservazzjoni tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra ***jew*** torbiera, ikunu protetti; | "(iii) żoni deżinjati mil-liġijiet internazzjonali jew nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' konservazzjoni tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra***, mergħat, xagħri u*** torbiera, ikunu protetti ***bl-għan li tiġi preservata l-bijodiversità u li tiġi evitata l-qerda tal-ħabitats kif stipulat fid-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE, li jiġi preservat l-istatus ambjentali tal-oċeani kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE, kif ukoll l-istatus ekoloġiku tax-xmajjar kif stipulat fid-Direttiva 2000/60/KE***;"***;*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt e**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a – punt iv

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) li l-ħsad isir ***b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***minimizzati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jiġi evitat il-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jimminimizza*** tqaċċit ***totali*** tas-siġar ***u*** jiżgura limiti xierqa lokalment għall-estrazzjoni tal-injam niexef ***u*** rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità: | (iv) li l-ħsad isir ***filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm il-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***evitati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jevita l-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq ***li ma jkunux xierqa għall-użu materjali eż. permezz tal-użu ta' prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti***, id-degradazzjoni tal-foresti primarji ***u qodma*** jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jevita*** tqaċċit tas-siġar***, dment li dan ma jwassalx għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa għall-ekosistema,*** jiżgura limiti xierqa lokalment ***u ekoloġikament*** għall-estrazzjoni tal-injam niexef***, u jiżgura*** rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità: |

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt f**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) li l-ħsad isir ***b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***minimizzati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jiġi evitat il-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jimminimizza*** tqaċċit ***totali*** tas-siġar ***u*** jiżgura limiti xierqa lokalment għall-estrazzjoni tal-injam niexef ***u*** rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il- | (iv) li l-ħsad isir ***filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm il-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***evitati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jevita l-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq ***li ma jkunux xierqa għall-użu materjali eż. permezz tal-użu ta' prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti***, id-degradazzjoni tal-foresti primarji ***u qodma*** jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jevita*** tqaċċit tas-siġar***, dment li dan ma jwassalx għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa għall-ekosistema,*** jiżgura limiti xierqa lokalment ***u ekoloġikament*** għall-estrazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità:*;* | injam niexef*, u jiżgura* rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità: |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt fa (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:*** |
| | ***"7a. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti ma għandhomx jaqbżu l-limitu massimu ddefinit fil-livell nazzjonali għall-użu tal-bijomassa tal-foresti li jkun konsistenti mal-miri tal-Istat Membru għat-tkabbir tal-bjar tal-karbonju, kif iddefinit fir-Regolament 2018/841.";*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt gb (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 11 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gb) il-paragrafu 11, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-elettriku mill-karburanti mill-bijomassa għandu jitqies għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss jekk jissodisfa wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin: | "L-elettriku mill-karburanti mill-bijomassa għandu jitqies għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss jekk ***il-karburanti użati ma jkunux jinkludu bijomassa primarja tal-injam u jkun***jissodisfa wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin: |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt gd (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29 – paragrafu 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gd) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 14. Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabblilixu kriterji addizzjonali dwar is-sostenibbiltà għall-bijokarburanti mill-bijomassa | "14. Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabblilixu kriterji addizzjonali dwar is-sostenibbiltà għall-bijokarburanti***, il-bijolikwidi u l-karburanti*** mill-bijomassa" |

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minn karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-metodoloġija għandha tiżgura li l-kreditu għall-emissjonijiet evitati ma jingħatax għas-$CO_2$ li l-qbid tiegħu diġà rċieva kreditu tal-emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.; | 3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minn karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-metodoloġija għandha tiżgura li l-kreditu għall-emissjonijiet evitati ma jingħatax għas-$CO_2$ li l-qbid tiegħu diġà rċieva kreditu tal-emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi. ***Il-kontenut tal-karbonju tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-atmosfera għandhom jiġu inklużi fil-metodoloġija.***<br><br>***Fi kwalunkwe każ, il-metodoloġija biex jiġi vvalutat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-karburanti tal-karbonju riċiklati għandha tqis il-karbonju inkorporat, f'approċċ ta' ċiklu*** |

***tal-ħajja.***

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) jiddaħħal l-Artikolu 29b li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 29b*** |
| | ***Kriterji ta' sostenibbiltà għall-impjanti idroelettriċi*** |
| | ***Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 29, l-enerġija ġġenerata mill-enerġija idroelettrika għandha tiġi prodotta f'impjant li, f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 11 ta' dik id-Direttiva, ikun implimenta l-miżuri kollha ta' mitigazzjoni teknikament fattibbli u ekoloġikament rilevanti biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq l-ilma kif ukoll miżuri biex jittejbu l-ħabitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament mill-ilma, li jinkludu mill-inqas il-miżuri li ġejjin:*** |
| | ***(a) l-iffaċilitar ta' migrazzjoni effiċjenti u effettiva tal-ħut upstream u downstream*** |
| | ***(b) kontribut għall-objettivi u l-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Pan-Ewropew għall-Isturjuni, fejn applikabbli*** |
| | ***(c) l-iżgurar ta' fluss ekoloġiku minimu f'kull ħin.*** |
| | ***L-impjanti idroelettriċi li ġew ikkummissjonati wara l-31 ta' Diċembru 2022 għandhom jikkonformaw ukoll mal-kundizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) ma għandhomx jinsabu f'sit prijoritizzat għal tneħħija tal-ostakli biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***tinkiseb konnettività lonġitudinali biex tintlaħaq il-mira ta' xmajjar bi fluss liberu skont l-Istrateġija għall-Bijodiversità*** <br><br> ***(b) għandhom ikollhom kapaċità installata ta' 10 MW jew aktar. ";*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 30 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Fejn il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju rriċiklat għandhom jingħaddu mal-miri msemmija fl-Artikoli 3(1), 15a(1), 22a(1), 23(1), 24(4) u 25(1), l-Istati Membri għandhom jesiġu lill-operaturi ekonomiċi juru li l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2) għall-karburanti rinnovabbli u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat ġew issodisfati. Għal dak il-għan, huma għandhom jesiġu lill-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:; | Fejn il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju rriċiklat għandhom jingħaddu mal-miri msemmija fl-Artikoli 3(1), 15a(1), 22a(1), 23(1), 24(4) u 25(1), l-Istati Membri għandhom jesiġu lill-operaturi ekonomiċi juru***, permezz ta' awditi indipendenti u disponibbli għall-pubbliku obbligatorji,*** li l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2) għall-karburanti rinnovabbli u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat ġew issodisfati. Għal dak il-għan, huma għandhom jesiġu lill-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:; |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet | L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet |

| | |
|---|---|
| serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2), u li l-operaturi ekonomiċi jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri rilevanti, fuq talba, id-data li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. | serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2), ***jieħdu inkunsiderazzjoni l-miri tal-UE għall-bijodiversità,*** u li l-operaturi ekonomiċi jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri rilevanti ***u tal-pubbliku***, fuq talba, id-data li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jakkreditaw fornituri indipendenti ta' servizzi ta' assigurazzjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, biex jipprovdu opinjoni dwar l-informazzjoni sottomessa u biex jipprovdu evidenza li dan ikun sar. Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 29(3), il-punti (a), (b) u (d), mal-Artikolu 29(4), il-punt (a), mal-Artikolu 29(5), mal-Artikolu 29(6), il-punt (a) u mal-Artikolu 29(7), il-punt (a), l-awditjar tal-ewwel jew tat-tieni parti jista' jintuża sal-ewwel punt ta' ġbir tal-bijomassa tal-foresti. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u protetti kontra l-frodi, inkluża verifika li tiżgura li l-materjali ma jkunux immodifikati jew mormija intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha tkun tista' ssir skart jew residwu. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tal-kampjunar u r-robustezza tad-data.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat jkunux prodotti fl-Unjoni jew ikunux importati. L-informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa | L-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat jkunux prodotti fl-Unjoni jew ikunux importati. L-informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa |

| | |
|---|---|
| għal kull fornitur tal-karburanti għandha tkun magħmula disponibbli għall-konsumaturi fuq is-siti web tal-operaturi, tal-fornituri ***jew*** tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali.; | għal kull fornitur tal-karburanti għandha tkun magħmula disponibbli għall-konsumaturi ***b'mod aġġornat, faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent*** fuq is-siti web tal-operaturi, tal-fornituri ***u*** tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti***, kif ukoll fl-istazzjonijiet tar-riforniment,*** u għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali.; |

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt ca (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 30 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) fil-paragrafu 4, is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-iskemi jkollhom informazzjoni eżatta dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja, tar-restawr ta' art degradata***,*** tal-evitar ta' konsum eċċessiv tal-ilma f'żoni fejn l-ilma hu skars***, u għaċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi b'riskju baxx ta' bdil indirett tal-użu tal-art***. | Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-iskemi jkollhom informazzjoni eżatta dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja, tar-restawr ta' art degradata ***u*** tal-evitar ta' konsum eċċessiv tal-ilma f'żoni fejn l-ilma hu skars." |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt d**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 30 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin u t-tkessiħ tal-elettriku b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' bejn 5 u ***10*** MW, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi nazzjonali ssimplifikati ta' verifika biex jiżguraw l-issodisfar tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-paragrafi (2) sa (7) u (10) tal-Artikolu 29.; | Għall-installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin u t-tkessiħ tal-elettriku b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' bejn 5 u ***20*** MW, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi nazzjonali ssimplifikati ta' verifika biex jiżguraw l-issodisfar tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-paragrafi (2) sa (7) u (10) tal-Artikolu 29.; |

**Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 31 – paragrafi 2, 3 u 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(21) fl-Artikolu 31, jitħassru l-paragrafi 2, 3 u 4:*** | ***imħassar*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 31a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-Unjoni li tippermetti t-traċċar ta' karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat. | 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-Unjoni li tippermetti t-traċċar ta' karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi***, inkluż it-traċċar tal-materja prima elenkata fl-Anness IX użata fil-produzzjoni tagħhom,*** u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat. |

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 31a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi rilevanti f'dik il-bażi tad-data jdaħħlu fil-ħin informazzjoni preċiża dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-karburanti soġġetti għal dawk it-tranżazzjonijiet, inklużi l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja, mill-punt tal-produzzjoni tagħhom | L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi rilevanti f'dik il-bażi tad-data jdaħħlu fil-ħin informazzjoni preċiża dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-karburanti soġġetti għal dawk it-tranżazzjonijiet, inklużi ***l-materja prima tagħhom u l-oriġini tagħha,***l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal- |

| | |
|---|---|
| sal-mument li jiġu kkunsmati fl-Unjoni. ***L-informazzjoni dwar jekk ġiex ipprovdut appoġġ għall-produzzjoni ta' kunsinna speċifika ta' karburant, u jekk iva, dwar it-tip ta' skema ta' appoġġ, għandha tiġi inkluża wkoll fil-bażi tad-data.*** | ħajja, mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-mument li jiġu kkunsmati fl-Unjoni. |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Emendi għar-Regolament (UE) 2019/943*** |
| | ***Fl-Artikolu 55, il-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| b) il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, tal-ġenerazzjoni distribwita u ta' riżorsi oħra inkorporati fin-netwerk ta' distribuzzjoni bħall-ħżin tal-enerġija; | "b) il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, tal-ġenerazzjoni distribwita u ta' riżorsi oħra inkorporati fin-netwerk ta' distribuzzjoni bħall-ħżin tal-enerġija***, sistemi rinnovabbli ta' tisħin u tkessiħ distrettwali b'temperaturi baxxi sa medji jew sistemi rinnovabbli ta' tisħin u tkessiħ komunitarju kif deskritt fl-Artikolu 2 ta' [id-Direttiva 2018/2001/KE emendata]***"; |

*(Regolament 2019/943)*

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Anness V – parti C - punt 18

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu eec + e l + esca + dwak il-frazzjonijiet ta' ep, etd, eccs u eccr | 18. Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu eec + e l + esca + dwak il-frazzjonijiet ta' ep, etd, eccs u eccr |

li jsiru sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih huwa prodott il-prodott sekondarju. Jekk tkun saret xi allokazzjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' dawk l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal dawk l-għanijiet minflok mit-total ta' dawk l-emissjonijiet. Fil-każ ta' bijogass u bijometan, il-prodotti sekondarji kollha li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 7, għandhom ikunu kkunsidrati għall-finijiet ta' dak il-kalkolu. L-ebda emissjonijiet ma għandhom jiġu allokati għal skart u residwi. Il-prodotti sekondarji li għandhom kontenut ta' enerġija negattiva għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom kontenut ta' enerġija żero għall-finijiet tal-kalkolu. L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta' dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. ***Ir-residwi li mhumiex inklużi fl-Anness IX u li huma tajbin għall-użu fis-suq tal-ikel jew tal-għalf għandhom jitqiesu li għandhom l-istess ammont ta' emissjonijiet mill-estrazzjoni, mill-ħsad jew mill-kultivazzjoni tal-materja prima, eec bħala l-eqreb sostitut tagħhom fis-suq tal-ikel u tal-għalf li huwa inkluż fit-tabella fil-Parti D.*** Fil-każ ta' karburanti mill-bijomassa prodotti fir-raffineriji, minbarra l-kombinament ta' impjanti tal-ipproċessar ma' bojlers jew unitajiet ta' koġenerazzjoni li jipprovdu s-sħana u/jew l-elettriku lill-impjant tal-ipproċessar, l-unità tal-analiżi għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 17 għandha tkun ir-raffinerija";

li jsiru sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih huwa prodott il-prodott sekondarju. Jekk tkun saret xi allokazzjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' dawk l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal dawk l-għanijiet minflok mit-total ta' dawk l-emissjonijiet. Fil-każ ta' bijogass u bijometan, il-prodotti sekondarji kollha li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 7, għandhom ikunu kkunsidrati għall-finijiet ta' dak il-kalkolu. L-ebda emissjonijiet ma għandhom jiġu allokati għal skart u residwi. Il-prodotti sekondarji li għandhom kontenut ta' enerġija negattiva għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom kontenut ta' enerġija żero għall-finijiet tal-kalkolu. L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta' dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. Fil-każ ta' karburanti mill-bijomassa prodotti fir-raffineriji, minbarra l-kombinament ta' impjanti tal-ipproċessar ma' bojlers jew unitajiet ta' koġenerazzjoni li jipprovdu s-sħana u/jew l-elettriku lill-impjant tal-ipproċessar, l-unità tal-analiżi għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 17 għandha tkun ir-raffinerija";

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – paragrafu 1 – punt 6 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Anness VI – parti B – punt 18 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta' dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. ***Ir-residwi li mhumiex inklużi fl-Anness IX u li huma tajbin għall-użu fis-suq tal-ikel jew tal-għalf għandhom jitqiesu li għandhom l-istess ammont ta' emissjonijiet mill-estrazzjoni, mill-ħsad jew mill-kultivazzjoni tal-materja prima, eec bħala tal-eqreb sostitut tagħhom fis-suq tal-ikel u tal-għalf li huwa inkluż fit-tabella fil-Parti D tal-Anness V.*** | L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta' dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. |

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Anness VI – parti Ba (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6a) Fl-Anness VI, tiżdied il-Parti Ba:*** |
| | ***"Parti Ba.*** |
| | ***Il-materja prima għall-karburanti mill-bijomassa għall-użu f'installazzjonijiet stazzjonarji barra mis-settur tat-trasport, inklużi l-punti li ġejjin:*** |
| | ***1. Frazzjoni ta' bijomassa ta' residwi u skart fl-industrija primarja tal-ipproċessar*** |

***tal-ikel:***

***(a) polpa tal-pitravi (għal użu intern għas-settur biss)***

***(b) ħwawar u weraq mill-ħasil tal-pitravi***

***(c) ħliefa taċ-ċereali u qxur tal-frott***

***(d) frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali mhux adatt biex jintuża fil-katina tal-ikel u tal-għalf***

***(e) il-frazzjoni fibruża tal-pitrava taz-zokkor wara l-estrazzjoni tal-meraq tad-diffużjoni, il-weraq u t-trufijiet u likuri oħra miksuba wara l-estrazzjoni taz-zokkor***

***2. Frazzjoni ta' bijomassa tal-ħama mit-trattament tal-ilma mormi fl-industrija primarja tal-ipproċessar tal-ikel;***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-emendar tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 |
| **Referenzi** | COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>13.9.2021 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.9.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 11.11.2021 |
| **Rapporteur għall-opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Nils Torvalds<br>15.9.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 2.2.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 17.5.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 58<br>–: 20<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mathilde Androuët, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Nicola Procaccini, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Maria Spyraki, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Bloss, Manuel Bompard, Milan Brglez, Stelios Kympouropoulos, Manuela Ripa, Christel Schaldemose, Vincenzo Sofo, Idoia Villanueva Ruiz |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 58 | + |
|---|---|
| NI | Ivan Vilibor Sinčić |
| PPE | Hildegard Bentele, Nathalie Colin-Oesterlé, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Stelios Kympouropoulos, Esther de Lange, Peter Liese, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Maria Spyraki, Pernille Weiss |
| Renew | Pascal Canfin, Martin Hojsík, Jan Huitema, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ştefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik |
| S&D | Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken |
| Ix-Xellug | Malin Björk, Manuel Bompard, Petros Kokkalis, Silvia Modig, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace |
| Ħodor/AĦE | Margrete Auken, Michael Bloss, Bas Eickhout, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Manuela Ripa |

| 20 | - |
|---|---|
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Nicola Procaccini, Rob Rooken, Vincenzo Sofo, Alexandr Vondra, Anna Zalewska |
| ID | Simona Baldassarre, Marco Dreosto, Teuvo Hakkarainen, Sylvia Limmer, Silvia Sardone |
| NI | Edina Tóth |
| PPE | Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Marian-Jean Marinescu, Jessica Polfjärd |
| Renew | Andreas Glück, Emma Wiesner |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ID | Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Catherine Griset, Joëlle Mélin |
| PPE | Christian Doleschal, Fulvio Martusciello, Luisa Regimenti, Christine Schneider |
| S&D | Tudor Ciuhodaru |

Didaskalija:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni